Vol 38
Nru 195
Jannar - Marzu 2017

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija



EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM



ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254



DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2017



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*Il-Mappa ta' Madaba bl-ismijiet Bethbara u Aenon fuq iż-żewġ naħat tax-Xmara Ġordan*

# Werrej



6



13



16



21


6 Ix-xaqliba l-oħra tax-xmara Ġordan, fejn Ġwanni għammed lil Ġesù

13 "Tabib, fejjaq lilek innifsek" (Luqa 4:23) Il-mediċina fil-Bibbja

16 Maria u Ġużeppi fil-pjan ta' Alla (1)

21 Il-kelma hi don, il-persuna l-oħra hija don

28 "Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?" Riflessjonijiet fuq Mk 4, 35-41

42 It-"Terra Sancta Museum" fil-Kunvent tal-Flaġellazzjoni




28

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## L-Edikola tal-Qabar ta' Kristu restawrata

Il-pellegrini li ġew magħna fl-aħħar pellegrinaġġi li organizza l-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa setgħu jaraw ix-xogħol intensiv li kien għaddej fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Xogħol li kellu x'jaqsam mar-restawr tal-Edikola li fiha l-Insara jqimu l-Qabar vojt tal-Mulej Ġesù. Wara diversi snin ta' diskussjonijiet twal bejn it-tliet komunitajiet proprjetarji tal-Qabar ta' Kristu (il-Patrijarkat Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, il-Kustodja tal-Art Imqaddsa u l-Patrijarkat Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm), wasal il-jum mistenni. Fit-22 ta' Marzu 2017, quddiem ir-rappreżentanti tad-diversi komunitajiet, l-Edikola restawrata tal-Qabar ta' Kristu ġiet inawgurata.

L-istorja ta' wara l-kwinti ta' din l-Edikola u tar-restawri reċenti hi kkumplikata, u turi mill-banda l-waħda d-diffikultà tar-relazzjonijiet bejn il-Knejjes u anke mal-awtoritajiet ċivili, u mill-banda l-oħra l-kapaċità tagħhom li jissuperaw dawn id-diffikultajiet u jaħdmu flimkien f'kollaborazzjoni għal għan nobbli, jiġifieri l-ħarsien tal-patrimonju Kristjan tal-Art Imqaddsa.

L-Edikola tal-Qabar ta' Kristu li naraw illum inbniet fl-1810, wara li fl-1808 il-Bażilika kienet ħadet in-nar u ġġarrfu partijiet minnha. Qabilha kien hemm Edikoli oħrajn, kollha kemm huma jħarsu l-fdalijiet tal-blata mqaddsa li kienet parti mill-Qabar li fih tqiegħed il-ġisem

*...editorjal*

*L-edikola tal-qabar ta' Kristu restawrata*



ta' Ġesù, il-Qabar ġdid li Ġużeppi ta' Arimatija ppreparah biex fih jilqa' lill-Mulej rebbieħ fuq il-mewt. L-aħħar Edikola li kien hemm qabel l-1810 kienet dik li nbniet fl-1555 mill-Kustodju Franġiskan tal-Art Imqaddsa ta' dak iż-żmien, Bonifacio di Ragusa (Dubrovnik). Dan il-Kustodju kien ordna li jinfetaħ il-Qabar u ħallielna deskrizzjoni kommoventi ta' dak li hu sab, qabel ma ordna li jerġa' jiġi ssiġillat kollox u tinbena Edikola ġdida. Dan ifisser li, mill-1555 sal-1808, l-Edikola tal-Qabar ta' Kristu kienet opra tal-Franġiskani.

Sfortunatament wara n-nar tal-1808 kienu l-Griegi Ortodossi li akkwistaw il-permess mill-awtoritajiet Torok Ottomani biex jirrestawraw il-Bażilika waħedhom. Dan kien ifisser li huma qerdu s-sinjali Kruċjati fl-arkitettura ta' diversi partijiet tal-Bażilika, u għalkemm l-Edikola ta' Bonifacio di Ragusa ma kinitx sofriet ħsarat kbar, iddeċidew li jħottuha u jibnu dik li hemm illum. Minkejja dan, it-tliet komunitajiet żammew id-drittijiet li kellhom fuq l-Edikola. Xhieda ta' dan huma l-kandlieri, lampieri u kwadri li huma mdendlin barra u ġewwa, dejjem b'ċerta ordni ta' distinzjoni ċara fl-istili partikulari tad-diversi Knejjes. Il-Franġiskani żammew id-dritt li jħallu fil-għoli fiċ-ċentru tad-daħla tal-Edikola l-kwadru sabiħ ta' Kristu Irxuxtat, li kien ġie restawrat Malta fis-seklu 19 u li sentejn ilu reġa' ġie restawrat b'mod professjonali minn tim ta' esperti.

L-Edikola tal-lum sofriet ħsarat kbar fit-terremot tal-1927, u billi l-komunitajiet ma setgħux jaqblu flimkien biex jirrestawrawha, il-Gvern Ingliż, li kellu l-mandat fuq il-Palestina, iddeċieda li fl-1947 jagħlaqha f'gaġġa tal-ħadid mastizz biex ma tinfetaħx u taqa' fuq il-pellegrini. U hekk baqgħet sa ma sar ir-restawr din is-sena. Ir-restawr sar bi qbil bejn it-tliet komunitajiet, imma billi l-Edikola kienet inbniet mill-arkitett Grieg Nikolaos Komnenos minn Mytilene, ix-xogħol tar-restawr tħalla f'idejn il-professoressa Moropoulu u tim ta' esperti mill-Università Teknikon ta' Atene.

Ir-restawr kien jinvolvi t-tindif tal-irħam li jiksi l-Edikola minn ġewwa u minn barra, u fuq kollox it-tisħiħ strutturali tal-istess Edikola b'teknoloġija avvanzata li rabtitha flimkien minn ġewwa u mal-pedamenti, b'mod li issa hi b'saħħitha biżżejjed biex tieqaf waħedha mingħajr il-bżonn tal-gaġġa tal-azzar li tneħħiet fi Frar li għadda.

Ta' min jgħid li l-inizjattiva li jsir restawr urġenti ttieħdet wara ndħil mhux prudenti mill-pulizija Israeljana li fis-17 ta' Frar 2015 iddikjaraw li l-Edikola ġiet studjata minn esperti tal-Israeli Antiquities Authority

li qalu li kienet perikoluża. Il-pulizija għalqet l-Edikola għall-pellegrini, imma kellha terġa' tiftaħha wara ftit sigħat minħabba l-protesti kbar li saru mill-Patrijarka Grieg Ortodoss ta' Ġerusalemm, flimkien mal-Kustodju tal-Art Imqaddsa u l-Patrijarka Armen Ortodoss. Din id-dikjarazzjoni tal-Israeli Antiquities Authority kienet indħil mhux opportun, għax studji minn esperti fuq l-Edikola u fuq il-Bażilika kienu diġà saru mill-*Università di Firenze* taħt l-inizjattiva tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Imma, kif jgħid il-Malti, kull deni ħudu b'ġid. Dan l-avveniment xejn pjaċevoli wassal biex it-tliet komunitajiet jiltaqgħu b'urġenza u jiddeċiedu li jirrestawraw l-Edikola biex jevitaw inkwiet fil-futur.

Issa li x-xogħol intemm u l-Edikola hi restawrata, wieħed forsi jinsa d-diffikultajiet kbar li kien hemm, diffikulajiet li għaddew minnhom anke l-Patrijiet Franġiskani li jgħixu fil-Qabar ta' Kristu, li kellhom jgħaddu xhur twal fit-trabijiet u l-istorbju tal-magni li jnaddfu l-irħam, anke bil-lejl, għax ix-xogħol kellu jsir kollu fil-Bażilika stess, fil-gallerija tal-Franġiskani. Minkejja dan l-inkonvenjent kollu, is-servizz favur il-pellegrini baqa' għaddej xorta waħda, u t-tliet Knejjes iggarantew li, fl-ebda mument tar-restawr, l-Edikola ma kienet magħluqa għall-pellegrini li riedu jżuruha u jitolbu fiha.

Wieħed mill-aktar mumenti kommoventi kien dak meta, f'perjodu limitat ta' 60 siegħa, bejn is-26 u t-28 ta' Ottubru 2016, l-esperti fetħu l-irħama li tgħatti l-Qabar u sabu irħama oħra antikissima li taħtha kien hemm l-fdalijiet tal-blat oriġinali li kien parti mill-Qabar ta' Kristu. Ix-xjenza tatna prova ċara li dan hu verament il-post Qaddis li minnu l-Mulej Ġesù qam mill-imwiet nhar Ħadd il-Għid il-Kbir.

Issa li x-xogħol ta' restawr intemm u ħarġet b'mod aktar sħiħ il-verità tal-Qabar ta' Kristu, għad fadal ħafna xi jsir. Mhux biżżejjed li l-Edikola ġiet konsolidata u restawrata, imma trid tiġi protetta mill-umdità li tielgħa mill-paviment imkisser u perikoluż tad-dawra kollha tal-Bażilika. Dan ifisser li, barra li jrid jinbidel il-paviment, jrid isir xogħol ta' studju u skavi taħt il-Bażilika biex, filwaqt li jitħarsu l-fdalijiet arkeoloġiċi, l-ambjent kollu jingħata ħajja ġdida għas-snin li ġejjin. Sfida oħra kbira quddiem il-Knejjes insara li jħarsu dan is-Santwarju ġawhra tal-Fidwa tagħna, fosthom il-Kustodja tal-Art Imqaddsa, u għall-Patrijiet Franġiskani li jkomplu jaħdmu biex il-pellegini jkunu jistgħu jitolbu fil-post l-aktar għażiż għall-Kristjanità.



# IX-XAQLIBA L-OĦRA TAX-XMARA ĠORDAN, FEJN ĠWANNI GĦAMMED LIL ĠESÙ

***Gianantonio Urbani***
***Studium Biblicum Franciscanum, Ġerusalemm***

Il-Vanġeli jgħidulna li Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fix-xmara Ġordan. Xmara jkollha żewġ naħat, u għalhekk il-mistoqsija hi spontanja: fuq liema xaqliba seħħet il-magħmudija? Il-fidi tagħna ma tiddependix minn xi post fiżiku, imma mit-tifsira tal-istorja evanġelika. Minkejja dan, il-"post" hu importanti għalina, għaliex aħna nemmnu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni – il-fidi tagħna tgħidilna li Alla sar bniedem fi żmien u f'post konkret.

Dan l-artiklu jeżamina kif id-deskrizzjonijiet ġeografiċi fil-Vanġelu ta' San Ġwann nistgħu neżaminawhom fid-dawl tax-xhieda tal-pellegrini u tal-ħidma tal-arkeoloġi. Dan l-eżami – li jixbah lil dak ta' *detective* li jfittex evidenza – jista' jikkontribwixxi għall-fidi ta' dawk li jemmnu.

Il-Vanġeli joffrulna ftit informazzjoni eżatta rigward il-post fejn Ġwanni għammed lil Ġesù. L-Evanġelisti sinottiċi (Mattew, Mark, Luqa) jagħmlu riferiment ġenerali għax-xmara Ġordan (Mattew 3,13; Mark 1,9; Luqa 3,3). L-Evanġelista Ġwanni ma jiddiskrevix il-magħmudija ta' Ġesù kif jagħmlu l-oħrajn, imma jżid informazzjoni ġeografika dwar il-post li fih kien jgħammed Ġwanni. Fi Ġwann 1,28 l-awtur ifakkar laqgħa bejn Ġwanni l-Battista u l-Fariżej: "Dan kollu ġara f'Betanja, 'il hemm mill-Ġordan, fejn Ġwanni kien jgħammed."

## Il-ġeografija tal-Vanġelu ta' San Ġwann

L-attenzjoni ta' San Ġwann għall-postijiet hi magħrufa. L-iskop li għalih hu jispeċifika li l-ġrajja seħħet "f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan" jiġi x'aktarx użat biex Ġwanni jevita konfużjoni għas-semmiegħa tiegħu, li forsi ma kinux jafu li kienu jeżistu żewġ ċentri li kellhom l-istess isem.

Il-qarrejja kienu jafu li Ġwann 11 jitkellem dwar raħal jismu Betanja, qrib l-Għolja taż-Żebbuġ, fejn kienu jgħixu Marija, Marta u Lazzru. It-tifkira tradizzjonali ta' din it-tieni Betanja hi dejjem żgura, filwaqt li l-kodiċi antiki tar-Raba' Vanġelu jagħtuna differenzi rigward Betanja ta' Ġwann 1,28. Isem ieħor għal din Betanja jiġi konfermat fil-post li jismu *Bethabara*, isem li jssemma wkoll minn Oriġene fil-kummentarju tiegħu dwar San Ġwann (IV,40).

Fil-kapitlu 3 il-Vanġelu joffri żewġ indikazzjonijiet ġeografiċi oħrajn: "Wara dan, Ġesù u d-dixxipli tiegħu marru fl-art tal-Lhudija, u baqa' hemm magħhom u kien jgħammed. Ġwanni wkoll kien qiegħed jgħammed f'Għajnun qrib Salim, għax f'dik in-naħa kien hemm ħafna ilma. U n-nies kienet tiġi biex titgħammed. Sa issa Ġwanni kienu għadhom ma tefgħuhx fil-ħabs" (Ġwann 3,22-24). B'dan il-kliem l-Evanġelista jgħarrafna li l-Battista kien jgħallem f'post *differenti* minn "Betanja fuq in-naħa l-oħra tal-Ġordan."

L-espressjoni "n-naħa l-oħra tal-Ġordan" terġa' tintuża mid-dixxipli tal-Battista meta huma jirreferu għall-imgħallem tagħhom: "Rabbi, kien hemm raġel miegħek in-naħa l-oħra tal-Ġordan, dak li int xhedt għalih. Issa, ara, hu qiegħed jgħammed, u kulħadd sejjer għandu" (Ġwann 3,26).

X'nistgħu niskopru mill-ġeografija tar-Raba' Vanġelu? Ma hemmx dubju rigward il-lokalizzazzjoni ta' Salim u għall-fatt li fil-kapitlu 3 l-Evanġelista jirreferi għal post fuq ix-xaqliba *tal-punent* tax-xmara Ġordan fejn Ġwanni wkoll kien jgħallem. Ewsebju, l-isqof tas-seklu 4 u l-istoriku tal-Knisja li kiteb opra jisimha *Onomasticon* dwar l-ismijiet ta' postijiet fl-Art Imqaddsa, fi qbil ma' Ġwann 3,26, iqiegħed Għajnun (Aenon) xi 13-il kilometru lejn in-nofsinhar ta' Scitopoli (Bethshean), u Salim ftit aktar minn nofs kilometru lejn it-tramuntana ta' Għajnun (*Onomasticon* 40). Illum jeżisti post jismu Salim, xi ħames kilometri u nofs lejn il-lvant ta' Bethshean. Hi żona tajba biex wieħed jaqsam minn xaqliba għal oħra tal-Ġordan, fatt li n-nies kienu jieħdu vantaġġ minnu sa mill-qedem.

## Il-Mappa ta' Madaba

Insibu aktar evidenza ta' kemm huma qrib Għajnun u Salim fil-Mappa ta' Madaba, mużajk fuq il-paviment ta' knisja Biżantina fil-Ġordanja tal-lum. Il-mużajk hu mappa tal-lvant nofsani kif kien magħruf f'dawk iż-żminijiet.

Il-mappa tqiegħed il-postijiet fuq ix-xaqliba tal-punent mingħajr l-ebda simbolu li

jikkaratterizzahom. Aktar lejn in-nofsinhar, iżda, fuq ix-xaqliba l-oħra u fuq il-livell ta' Ġeriko, imma mhux qrib ix-xmara Ġordan, il-mappa għandha skrizzjoni bil-Grieg: *Aenon fejn illum hemm Sapsaphas*, bis-simbolu ta' għajn u x'aktarx ukoll ta' arzella. Dan Aenon jinsab fiż-żona ta' Wadi al-Kharrar (fuq ix-xaqliba tal-lvant, f'dik li llum hi l-Ġordanja) mhux ħafna bogħod mill-post li t-tradizzjoni Kristjana timmarkah bħala l-post li fih tgħammed Ġesù.

Fuq in-naħa l-oħra ta' Aenon il-Mappa ta' Madaba tqiegħed fuq ix-xatt tal-punent – li llum hi żona kontrollata minn Israel – *"Bethbara, il-post tal-magħmudija ta' Ġesù"* (ara Ewsebju, *Onomasticon* 59,18-20; Ġlormu, *Onomasticon* 59,19-21). Il-mużajk li jakkumpanja l-iskrizzjoni jirrappreżenta knisja.

Il-Mappa ta' Madaba turina s-sitwazzjoni kontemporanja għaż-żmien li fih sar il-mużajk – min-nofs sa tmiem is-seklu 6 – u l-mod ta' ħsieb (ukoll ideoloġiku) ta' dawk li ikkomponewha. Id-deskrizzjoni "n-naħa l-oħra tal-Ġordan", għal dawk li jeżaminaw il-Mappa ta' Madaba, tirreferi għax-xatt tal-punent tax-xmara. Din iġġegħelna naħsbu li nidentifikaw Bethbara ma' Betanja. Jista' jkun li t-tradizzjoni kif murija fuq il-mappa tikkontradixxi t-Testment il-Ġdid? Dan mhuwiex il-każ. Il-Mappa ta' Madaba ma tnaqqasx il-valur tal-informazzjoni tar-Raba' Vanġelu dwar "Betanja fuq in-naħa l-oħra tal-Ġordan." Għall-kuntrarju, hi tikkonferma l-impressjoni dejjiema li t-tifkira storika tqiegħed dak il-post fuq ix-xaqliba tal-lvant tax-xmara Ġordan.

## Ix-xhieda tal-Pellegrini dwar il-Post tal-Magħmudija ta' Ġesù

Ix-xhieda tal-pellegrini dwar il-Magħmudija tibda mis-seklu 4 u tibqa' għaddejja sal-bidu tal-era Kruċjata. Bil-ħolqien tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, ix-xmara Ġordan kienet saret il-fruntiera tal-lvant



*Il-Mappa ta' Madaba bl-ismijiet Bethbara u Aenon fuq iż-żewġ naħat tax-Xmara Ġordan*

mas-Sultanat ta' Damasku. F'dak il-perjodu, il-postijiet li kienu jimmarkaw il-Magħmudija ta' Ġesù fuq ix-xaqliba *tal-lvant* ġew abbandunati u l-post tat-tifkira ġie trasferit fuq ix-xaqliba *tal-punent*, flimkien mal-liturġiji li kienu jfakkru din il-ġrajja evanġelika. Nistgħu naraw dan il-progress fid-diversi rakkonti ta' pellegrini:

**Il-Pellegrin ta' Bordeaux** (madwar is-sena 333) jimmarka l-post tal-magħmudija xi 7 kilometri u nofs mill-Baħar il-Mejjet fuq ix-xaqliba tal-lvant faċċata tal-għolja ta' Elija.

**Egeria** (tmiem tar-4 seklu) tgħid li, hi u sejra minn Ġerusalemm għall-Muntanja Nebo, qasmet il-Ġordan fil-post li fih Ġożwè kien mexxa lill-Israeliti lejn l-Art Imwiegħda. Hi wkoll żaret il-post tal-magħmudija li tqiegħdu f'Għajnun qrib Salim, fejn hi rat raħal, ġnien u għajn, flimkien ma' nixxiegħa li kienet tidħol f'għadira. Dan il-post kien jismu "ġnien ta' San Ġwann". Ix-xhieda tagħha tikkonferma Ġwann 3,23.

**Il-pellegrin Teodosju** (madwar is-sena 530; *De situ Terrae Sanctae*, 20) jikteb li l-post tal-magħmudija kien immarkat minn kolonna tar-rħam li fuqha kien hemm salib tal-ħadid.

**L-imperatur Anastasju** (tmiem is-seklu 5) kien bena knisja f'dan il-post, li kienet



*Fdalijiet tal-Monasteru Reterio*

knisja mibnija fuq arkati biex titħares mill-għargħar li perjodikament kien jgħarraqha. Faċċata tal-post tal-magħmudija kien hemm il-post li minnu l-Profeta Elija tela' fis-sema.

**Il-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza** (madwar 560-70) jassoċja l-post tal-magħmudija mal-memorjal tal-passaġġ tal-Israeliti u ma' rakkonti oħrajn tat-Testment il-Qadim. Hu jqiegħed il-post tal-magħmudija żewġ mili mix-xmara u mill-wied fejn iċ-ċawl kien iġib l-ikel lil Elija. F'dak iż-żmien f'dan il-post kienu jgħixu bosta eremiti. Kien hemm kolonna mdawra minn grada li kienet tidentifika l-post tal-magħmudija. Kien hemm salib tal-injam imħawwel fl-ilma fil-post li fih kienet iddur ix-xmara. Mhux ħafna bogħod mill-post tal-magħmudija kien hemm monasteru kbir b'żewġ ospizji.

Fl-opra **Il Prato Spirituale**, Ġwann Mosco (madwar is-sena 615) jirrakkonta dwar il-viżjonijiet ta' raħeb anzjan li kien sejjer lejn il-Muntanja Sinaj. Meta ġie biex jaqsam il-Ġordan, dan ir-raħeb marad u sab kenn f'għar, fejn Ġwanni l-Battista deherlu u qallu li


Wadi al Kharrar, il-Post tal-Magħmudija ta' Ġesù

hu kien għex ġo dak l-għar u kien irċieva diversi żjarat minn Ġesù hemmhekk. Mistieden biex jibqa' jgħix f'dak il-post, ir-raħeb biddel l-għar fi knisja. Wara ftit taż-żmien inġabret hemmhekk komunità monastika. Mosco ifakkar l-isem tal-post, Sapsa (Sapsaphas fil-Mappa ta' Madaba) u jqiegħdu mhux ħafna bogħod mill-Wied ta' Kerit, fejn Elija kien għex matul il-perjodu ta' nixfa. Ftit wara, Mosco jirreferi għal storja dwar San Saba li għandha bħala protagonist tagħha lill-qassis Conone, li kien responsabbli mill-magħmudijiet fil-monasteru ta' Pentucla. Ftit nafu dwar dan il-monasteru. L-arkeoloġi jqegħduh lejn it-tramuntana tal-Monasteru ta' San Ġerasimos fuq ix-xaqliba tal-punent tal-Ġordan.

**Il-Pellegrin Anonimu ta' Piacenza** jissemma' fil-*Libelius de locis sanctis* tal-Isqof Arculf (madwar is-sena 670). Hu kien ra salib tal-injam fix-xmara li kien jindika l-post tal-magħmudija; knisja żgħira rettangolari mibnija fuq arkati fuq ix-xatt tax-xmara lejn in-naħa aktar baxxa tal-wied; u monasteru kbir aktar fil-għoli fuq ix-xifer ta' għolja żgħira fil-qrib.

**Ir-raħeb Epifanju** (tmiem is-seklu 7 sal-ewwel nofs tas-seklu 8) iqiegħed l-għar tal-Prekursur xi tliet mili 'l hemm mill-Ġordan. Skont it-tradizzjoni li jirrakkonta, Ġwann kien jgħammed f'dak l-għar fejn fi żmien Epifanju kienet għadha tnixxi għajn żgħira.

**Willibald** (l-ewwel nofs tas-seklu 8) jitkellem minn monasteru xi 1,500 metru mill-post tal-magħmudija.

**L-Abati Danjel** (1106-07) jgħid li l-post tat-tlugħ ta' Elija fis-sema ma kienx bogħod mix-xmara. L-abati ma jassoċjax l-għar ta' Ġwanni mal-post li fih Elija tela' s-sema, imma l-indikazzjoni li jagħti, "mhux bogħod mix-xmara" tirreferi wkoll għal dan l-għar. Hu jitkellem minn nixxiegħa abbundanti li minnha kien jixrob il-Battista.

Ma' din l-informazzjoni li ħallewlna l-pellegrini nżidu tifkira liturġika importanti tal-kalendarju Gregorjan (sekli 6-7) li jfakkar li kienu jsiru tliet ċelebrazzjonijiet għall-Epifanija. Nhar l-4 ta' Jannar, lejlet il-festa tal-Magħmudija ta' Ġesù, il-ġemgħa kienet tinġabar fuq ix-xaqliba tal-punent tal-Ġordan; fil-5 ta' Jannar, fuq iż-żewġ naħat tax-xmara; u fis-6 ta' Jannar, il-Magħmudija kienet tiġi mfakkra fil-knisja msejħa għall-Battista u li kienet tinsab fil-monasteru.

Matul l-era Kruċjata dawn it-tifkiriet jidher li għabu. Seklu wara jagħtina xi informazzjoni **Retenio** (1400) li jgħidilna li kien sema' li l-għar tal-Battista, li kien ukoll il-post fejn hu kien jgħammed, kien jinsab fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Ġordan.

## Il-Post tal-Magħmudija bil-mod reġa' nstab

Kien biss mill-1899 li beda jqum ftit interess fit-tifkiriet tal-Battista "fuq in-naħa l-oħra tal-Ġordan". It-tfittxija arkeoloġika bdiet minn L. Federlin (1899) u tkompliet minn G. Dalman (1913), D. Buzy (1930) u R. Abel (1932). Federlin kien ippropona li wieħed jidentifika Betanja ma' Tell el Medesh, u ippropona bħala argumenti deċiżivi r-rotot tat-trasport, l-abbundanza tal-ilma u l-kundizzjonijiet tajbin biex wieħed jaqsam ix-xmara bil-mixi (Ghoran). L-esplorazzjonijiet tiegħu kixfu l-fdalijiet ta' pont tal-ġebel xi ftit lejn in-nofsinhar. It-teorija tiegħu tgawdi mill-qbil ta' diversi studjużi tal-Bibbja, imma mhux minn dawk tat-tradizzjoni jew it-toponomastika.

Minħabba l-Gwerra tas-Sitt Ijiem (1967), kemm ix-Xatt tal-Punent kif ukoll ix-xaqliba Ġordana tax-xmara ma setgħux iżjed iżuruhom il-pellegrini. It-trattat ta' paċi bejn Israel u l-Ġordanja tal-1994 wassal għal interess ġdid f'dan il-post fuq ix-xmara Ġordan. L-era ġdida fetħet fl-1 ta' Awwissu 1995, biż-żjara tal-Prinċep Ghazi Bin Muhammad tal-Ġordanja, flimkien ma' grupp ta' arkeoloġi ta' din iż-żona tradizzjonali tal-magħmudija fuq ix-xaqliba tal-lvant tax-xmara. L-inizjattiva ttieħdet u kienet idejata mill-arkeologu Franġiskan tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, il-mibki Patri Michele Piccirillo OFM, li kien imħeġġeġ bix-xewqa li jerġa' jiskopri t-tifkiriet antiki li kienu ilhom moħbijin għal sekli sħaħ taħt il-ħaxix u l-ħamrija.

L-inizjattiva ħadet spinta 'l quddiem permezz ta' digriet tar-Re Hussein tal-Ġordanja fl-10 ta' Ottubru 1997, li waqqaf kummissjoni biex jinħoloq Park tal-Magħmudija ta' Kristu, li kellu jiġi inawgurat għas-sena tal-ġublew 2000.

L-iskavi tmexxew mill-arkeologu Ġordan Mohammad Waheeb bejn l-1997 u s-sena 2000. Kixfu ħafna mill-fdalijiet u r-rovini fiż-żona ta' Wadi al-Kharrar. Ta' interess speċjali hu l-Monasteru Reterio (sekli 5-6) li jinsab fuq l-għolja ta' Elija. F'dan il-post hemm il-fdalijiet ta' żewġ knejjes


*L-Għajn tal-Battista*


*Knisja Griega Ortodossa li nbniet fuq Xatt ix-Xmara Ġordan*

Biżantini, waħda lejn it-tramuntana u l-oħra lejn il-punent. Instabu wkoll tliet vaski f'dan il-post. Il-vaska rettangolari li hemm fuq in-naħa tan-nofsinhar tmur lura għas-sekli 3 u 4 u fiha taraġ li jinżel fiha fin-naħa tal-lvant. Jaħsbu li kienet tintuża mill-pellegrini għall-magħmudija. Iż-żewġ vaski l-oħrajn, fuq in-naħa tat-tramuntana, imorru lura lejn l-epoka Rumana. X'aktarx li huma wkoll kellhom taraġ nieżel fihom.

L-ilma kien jasal fil-vaski permezz ta' kanal mibni fuq arkati. Il-fdalijiet ta' ħajt perimetrali ta' binja fix-xaqliba tan-nofsinhar tal-għolja ssemmew bħala l-Kamra tat-Talb. Jaħsbu li s-sistema tal-ilma (bil-baċiri u l-vaski fejn l-ilma kien jinbidel) qrib il-kamra u l-kappella msemmijin għal San Ġwanni Pawlu II imorru lura qabel is-seklu 4.

Serje ta' kmamar madwar bitħa u vaska oħra fil-qrib (sekli 5-6) ġew identifikati bħala l-fdalijiet ta' rovini ta' ospizju għall-pellegrini. X'aktarx li l-pellegrini kienu jieqfu jistrieħu hawnhekk qabel ikomplu fi triqthom lejn il-Muntanja Nebo. Mhux bogħod ħafna kien hemm vaska ta' 25 metru b'10 metri li kienet setgħet isservi għall-magħmudija ta' gruppi ta' pellegrini. Il-post prinċipali hu l-għajn tal-Battista, imfakkra mill-pellegrini u msejħa Għajnun fil-fonti antiki.

Meta wieħed ikompli lejn ix-xmara Ġordan isib iż-żona bi tliet knejjes, imsejħin mill-arkeologu bħala l-Knisja ta' Ġwanni l-Battista. Dan il-post jaqbel mas-sit li t-tradizzjoni kienet tindikah bħala l-post tal-magħmudija. Id-datazzjoni tar-rovini bejn is-seklu 5 u s-seklu 12 turi kemm damet il-qima lejn dan il-post matul is-sekli.

Il-fdalijiet ta' żewġ strutturi lejn it-tramuntana huma marbutin mat-tifkira ta' Santa Marija Eġizijaka, li kienet għexet bħala eremita f'dan il-post għal 47 sena, kif jgħidilna San Sofronju, li kiteb il-biografija ta' din il-prostituta li kkonvertiet.

Iċ-ċeramika li nstabet f'Wadi al-Kharrar tmur lura għall-1 u t-2 sekli W.K. Dan hu sinjal li din iż-żona kienet abitata fi żmien il-magħmudija ta' Ġesù.

Fi snin aktar reċenti, mhux bogħod minn dawn it-tifkiriet antikissimi, u wara ż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (21 ta' Marzu 2000), il-komunitajiet Kristjani diversi bnew knejjes ta' tifkira biex fihom jilqgħu l-fidili tagħhom. Il-Papa Benedittu XVI (10 ta' Mejju 2009) u l-Papa Franġisku (24 ta' Mejju 2014) żaru l-post tal-Magħmudija ta' Ġesù waqt il-pellegrinaġġi tagħhom fl-Art Imqaddsa.



# “TABIB, FEJJAQ LILEK INNIFSEK” (LUQA 4:23) IL-MEDIĊINA FIL-BIBBJA

***Fr Charles Buttigieg***

## Il-Mard fil-Bibbja

Fl-Antik Testment naraw l-esperjenza tal-mard speċjalment tal-lebbra, ġuħ, persekuzzjoni u tat-tbatija (ara 2 Re 4:8-37 u Gob 2:3). Il-Lhud kienu jorbtu t-tbatija mad-dnub u mal-persekuzzjoni kif insibu f’Ġer 20:2. Kienu jemmnu li Alla jista’ jgħaddi lill-bniedem mill-prova tat-tbatija kif naraw f’Ġer 29:12. Kienu konxji wkoll li t-tbatija hi konsegwenza tal-ħażen tax-xitan kif naraw f’Ġob 4:4-6). Il-bniedem marid, bl-Ebrajk *holeh*, kien jitlob l-ewwel

nett lil Alla għall-fejqan, bl-Ebrajk *rapa*, tiegħu sabiex jeħilsu mill-mard *holi*. Fl-Akkadiku għandna l-kelma *marsu* u bl-Għarbi għandna l-kelma *marid* bħal fil-Malti. Il-mard kien ikun marbut mal-qalb, mal-moħħ, mal-għadam, mal-għajnejn, mal-widnejn, mal-imnieħer, mal-griżmejn, mas-snien, mal-ġilda, mad-demm, mal-fwied, mal-kliewi, mal-istonku, l-imsaren, mal-għeja u mat-twelid tat-tfal għall-ommijiet. Ħafna drabi il-mard tal-moħħ u tan-nervi kien assoċjat mal-possessjoni dijabolika. Mard komuni bħal uġigħ tar-ras, influwenzi u uġigħ fl-istonku ma tantx huma jissemmew direttament fil-Bibbja.

Iżda l-iktar marda komuni fil-Bibbja hija dik tal-ġilda, tal-lebbra, bl-Ebrajk: *sara'at,* fejn insemmu deskrizzjoni dettaljata fil-kapitli 13 u 14 tal-Ktieb tal-Levitiku. Liema mard kien marbut mad-dnub kif ukoll mal-attività sesswali, kif ukoll mard marbut ma' superstizzjonijiet. Niltaqgħu wkoll max-xemxata li ġarrab Manasse l-ewwel raġel ta' Ġuditta (Ġud 8:2-3).

## Mediċina mill-Pjanti

Il-pjanti bil-weraq, fjuri u l-għeruq tagħhom minn barra li kienu jintużaw bħal ħwawar fl-ikel, fil-fwieħa, fil-produzzjoni tal-kuluri, kellhom fuq kollox użu bħala rimedju għall-fejqan u għalhekk użati bħala mediċina (ara Eżek 47:12 u Sir 38:4-8). Il-mediċina mill-ħxejjex kienet diġà pprattikata fl-Eġittu sa 10000 sena Q.K u fid-dinja Griega fit-tempji tal-alla tal-fejqan *Asklepios*. F'Ġen 30:14 naraw lil Reuben li sab pjanta narkotika bl-isem 'tuffieħ l-imħabba' jew mandragoli, bl-Għarbi *tuffah el majanin* jew *beid el Jinn*; *mandragora officinarum*. Il-mediċini kienu wkoll magħmula mill-mirra bħala żejt mediċinali għaliex iż-żejt *xemen* kien jintuża bħal tindif, iżda fuq kollox jintuża bħala mediċina għall-fejqan (Isaija 1:16). Ġeremija għal tliet darbiet jitkellem mill-karatteristiċi mediċinali tal-balzmu, bl-Ebrajk *xeri,* ta' Gilgħad fil-Ġordanja (Ġer 8:22). Insibu wkoll l-użu tal-fejqan mill-inbid tal-għenba u l-ħall. It-tabib huwa mfaħħar fil-ktieb ta' Bin Sirak (38:1-15).

## Alla bħala Tabib

F'Ġenesi 20:17 insibu lil Alla jfejjaq lil Abimelek. Alla li jeħles lill-bniedem mill-





iskjavitù tal-Eġittu u fuq kollox Alla li jfejjaq għaliex "YHWH huwa t-tabib tiegħek" (Esodu 15:26). Hekk naraw fl-esperjenza tad-deżert fejn Alla ordna lil Mosè jaħdem serp tal-bronż ħalli jfejjaq lil dawk li kienu ngidmu mis-sriep velenużi tar-ramel. Fit-Tieni Ktieb tal-Kronaki Alla jisma' t-talba ta' Eżekija u jfejjaq il-poplu (30 :20). Fil-ktieb ta' Tobit naraw l-messaġġier ta' Alla, l-anġlu Rafel bħala l-anġlu tal-fejqan (Tob 5:4). Is-Salmi 6, 41, 103 u 147 jitolbu 'l Alla għall-fejqan. Il-fejqan narawh fuq kollox f'Ġesù fil-Ġdid Testment fid-diversi mirakli tal-fejqan li jagħmel, kif insibu f'Luqa 7:18-23: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu: kif il-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiequ, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u kif il-Bxara t-Tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija".

Hekk ukoll naraw l-Ittra ta' Ġakbu kif naqraw fil-kapitlu 5,14-15: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu".

## Biblijografija


Adamson, P.B., "Human diseases and death in the Ancient Near East", in *Welt des Orients* 13 (1982) 5-14.

Avalos, H., "Ancient Medicine", in *Bible Review* 11 (1995) 26-48.

Davis, E., "Aspects of medicine in the Hebrew Bible", in *Koroth* 9 (1985) 265-268.

Kee, H.C., *Medicina, miracolo e magia nei tempi del Nuovo Testamento*, Brescia 1993.

Lanfranco, Guido, *Duwa u Semm fil-Ħxejjex Maltin*, Lux Press, Malta 1975.

Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

Moldenke, H.N., *Plants of the Bible*, London 2002.

Nicolas, M., *La Medecine dans la Bible*, Paris 1977.

North, R., *Medicine in the Biblical Background and other essays on the origins of Hebrew*, Analecta Biblica 142, Roma 2000.

Pilch, J.J., "Biblical leprosy and body symbolism", in *Biblical Theology Bulletin* 11 (1981) 108-113.

Warrington, K., "Healing and suffering in the Bible", in *International Review of Mission*, 95 (2006), 376-377.

Zohary, M., *Plants in the Bible*, New York 1982.



# MARIJA U ĠUŻEPPI FIL-PJAN TA' ALLA

*Mons Lawrenz Sciberras*

Għal dawn l-aħħar tliet snin ktibt sensiela ta' artikli dwar Kristu bħala il-qassis il-Kbir li b'demmu, d-demm tal-patt il-ġdid, fdiena u hekk ressaqna lejn dak is-santwarju mhux maħdum b'idejn il-bnedmin. Huwa għalhekk li mal-mewt ta' Kristu l-purtiera li kienet tagħlaq bieb is-santwarju ċċartet minn fuq sa isfel; ifisser id-debħiet flimkien mar-raxx ta' demm tal-bhejjem spiċċaw, għadda l-valur tagħhom. Dan kollu jidher bil-qawwa kollha fl-ittra lil-Lhud, liema ittra hija biss issejjaħ lil Kristu bħala l-Qassis il-Kbir.

F'din is-sensiela ta' artikli issa se naqleb xi ftit is-suġġett u se noħroġ għad-dawl sensiela ta' artikli dwar Marija, dwar żewġha Ġużeppi, dwar jiem l-ewwel snin ta' binha Ġesù fid-dar ta' Nazaret jitliegħeb bħal kull tifel Lhudi ieħor. Xejn differenti bejnu u bejn it-tfal l-oħra ta' Nazaret

## Marija diġà prefigurata

Biex wieħed jippreżenta s-sbuħija ta' Marija kemm fiżika kif ukoll spiritwali dan ma għandux bżonn ta' ħafna kliem u frażijiet uħud minnhom minfuħin ukoll. Din is-sbuħija unika ta' Marija hija ġejja mill-imħabba, bħalma d-dawl huwa ġej mix-xemx. Biex wieħed joħroġ għad-dawl is-sbuħija ta' din il-mara singulari ma hemmx bżonn li wieħed jidħol f'ħafna romanticiżmu u sentimentaliżmu devozzjonali. Huwa biżżejjed li wieħed iqiegħed lil Marija fil-kuntest awtentiku tagħha, jiġifieri dak tal-Galilija tal-ewwel seklu. Fil-ħajja ta' kuljum ta' Marija ma kien hemm xejn straordinarju. Marija flimkien mar-raġel tagħha San Ġużepp għexet il-ħajja normalissima ta' kull ħlejqa li tgħix f'Nazaret.

Biss minkejja li f'ħajjet Marija ma kien hemm xejn straordinarju din il-figura diġà kienet imħabbra u figurata fit-Testment il-Qadim. Tajjeb hawn għalhekk li wieħed joħroġ għad-dawl xi figuri femminili li direttament jew indirettament iqarrbuna jew ikellmuna minn Marija. Hekk il-Pseudo Filun joħroġ għad-dawl li l-poplu kollu ta' Israel twieled jew forsi aħjar inbena madwar u mill-kustilja ta' Eva. Ktibt il-verb inbena għaliex kemm fil-Lhudi *wybn*, kif ukoll fis-Settanta (LXX) ôkodòmêsen hemm dan il-verb. U tassew hekk hu, għaliex Eva nħalqet biex tkun "dar" għar-raġel. Mil-liġi tan-natura stess, il-mara hija "dar" għal żewġha, u dan għaliex hija ġġorr fil-ġuf tagħha, tħarisha, tgħajjixha sakemm imbagħad twellidha lit-tarbija tagħha. Għalhekk il-mara hija kkunsidrata "dar għar-raġel" dejjem sakemm flimkien imexxu ħajja ordinata, ġusta u mimlija mħabba. Ma jeżiżti mkien post aktar sigur, kenni, mimli mħabba u mogħdrija daqs kemm il-ġuf tal-omm meta din tkun iġġorr lit-tarbija tagħha. Għalhekk il-profeta Isaija jistagħġeb bil-qawwa kollha dwar din il-verità: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? (Is 49,15).

Ukoll l-Israelin jissejħu "ulied Lija", mart Ġakobb. Amram ippropona lill-poplu biex dan jimita l-eżempju





ta' Tamar "ommna". Debora hija meqjuma bħala "l-omm" il-ħajja ta' Israel u bħala "qaddisa". Sella bint Ġefte toffri lilha nfisha liberament b'sagrifiċċju u dan fuq l-eżempju ta' Iżakk. Fl-aħħar hemm l-istqarrija fuq fomm Anna fejn tistqarr, "Hija tassew għanja dik il-mara li hija ġeneruża meta tagħmel ir-rieda ta' Alla".

## Il-*fiat* ta' Marija u Ġużeppi

It-tradizzjoni Ġudajka tinsisti li meta Alla għamel il-patt f'riġlejn is-Sinaj, huwa sejjaħ kemm irġiel kif ukoll nisa għal dan il-ftehim. Fl-ekonomija sħiħa ta' Alla ma teżiżti ebda differenza bejn raġel u mara. Kemm il-wieħed kif ukoll l-oħra ġew imsejħin minn Alla biex jagħtu l-kunsens tagħhom għall-patt (Eż 24). Dan b'xi mod juri l-antiċipazzjoni għal dak li jgħid Pawlu lill-Galatin "Ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù." (Gal 3,28)

L-alleanza li saret fis-Sinaj kienet immirata wkoll lejn alleanza oħra, wisq aktar għolja u mixtieqa dik tal-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin, il-kondixxendenza tiegħu. Sa mill-eternità Alla ħaseb u xtaq li jiġi qrib tagħna, u dan sa dak il-waqt li jieħu wiċċ bħal dak tagħna. Il-ġuf ta' mara kellu jinbidel fl-arka tal-għamara tiegħu fostna. Mhux biss imma s-sħana tal-familja ta' Nazaret kellha tgħin biex jikber aktar fl-umanità sħiħa tiegħu. Dan ikompli joħroġ għad-dawl mill-fatt li Ġesù għex għal tletin sena sħaħ ġo familja, fejn huwa għamel u pprattika l-istess stil ta' ħajja bħall-ġenituri tiegħu Marija u Ġużeppi.

U sabiex din ix-xewqa sseħħ tassew "f'nofsna l-bnedmin" huwa ċar li Alla kellu bżonn esklussiv ta' Mara u ta' Raġel marbutin flimkien bir-rabta, l-ewwel tal-għerusija mbagħad b'dik taż-żwieġ. Kollox jimxi man-normal skont il-liġi tal-Lhud ta' dak iż-żmien. Jekk mela fil-bidu tat-Testment il-Qadim, il-poplu kollu kien miġbur biex jagħmel dan il-patt, hekk ukoll waħda mara u raġel ieħor ġew imsejħin minn Alla u dan sa mill-eternità biex jagħtu l-iva tagħhom għal dan il-proġett ta' patt divin.

Għalhekk f'dan il-proġett hawn żewġ taħbiriet: wieħed lil Marija (Lq 1,26-38) u l-ieħor lil Ġużeppi (Mt 1,18-25). L-anġlu Gabriel wera

lil Marija diġà għarusa ma' Ġużeppi l-missjoni li għaliha għażilha Alla, jiġifieri biex issir OMM il-Feddej u dan kollu bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu (Lq 1,26-37). U Marija imdawla minn kliem l-anġlu li dan ikkonfortaha fit-tħassib tagħha tat il-kunsens sħiħ tagħha: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek." (Lq 1,38)

Il-qaddis papa San Ġwann Pawlu II jikteb hekk fl-enċiklika *Mulieris dignitatem*: "Fil-bidu ta' patt ġdid u li dan kellu jkun etern u li ma jitbiddilx hemm waħda MARA: il-verġni ta' Nazaret". Hekk hu mela n-nobiltà tal-mara-omm!

Ukoll l-anġlu tal-Mulej ikkonforta lil Ġużeppi għarus ta' Marija li l-ħajja li appena bdiet f'Marija l-għarusa tiegħu, hija kollha opra tal-Ispirtu s-Santu. Maħsud b'dan kollu, fil-bidu Ġużeppi ħaseb li għandu dover, dejjem skont it-Torà, li jinfired minn Marija. Hija qatt ma setgħet tkun il-mara proprja tiegħu minn dak il-waqt li Alla għażilha għalih.

U f'dak il-waqt Ġużeppi kien qed jitqabad fih innifsu – Alla permezz ta' anġlu – irrivelalu l-missjoni riservata għalih biss, li jilqa' lil Marija bħala għarusa tiegħu, bħala dik il-mara ndikata lilu mill-Ispirtu s-Santu. Mhux biss imma huwa stess jagħti l-isem lit-tarbija tiegħu *kaleseis,* it-tieni persuna fis-singular, u hekk idaħħalha fis-soċjetà Lhudija u dan issa bħala IBNU dixxendenti mid-dar u l-familja ta' David (Mt 1,18-23). Ġużeppi raġel ġust (Mt 1,19) bir-rispett kollu qagħad għar-rieda divina, "meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej." (Mt 1,24) Hawn kompliet ħarġet għad-dawl kemm kienet profonda u kbira il-qdusija ta' Ġużeppi u xejn anqas ir-responsabilità enormi li dan ir-raġel ħtieġlu jġorr fuq spallejh.

Il-qaddis Papa San Ġwann Pawlu II jikkummenta hekk: " … il-bniedem ġust (Ġużeppi) illi kien iġorr il-patrimonju tat-Testment il-Qadim, ġie mdaħħal mill-"bidu" fil-patt ġdid u etern f'Ġesù Kristu" (Redemptoris Custos 32).

## L-għaqda bejn Marija u Ġużeppi tixbah lil dik tal-Għeden

F'riġlejn il-muntanja tas-Sinaj sar il-patt b'imħabba kbira tassew. (Eż 24). Preżenti kien hemm irġiel u nisa flimkien ma' Mosè. Ukoll fl-Għeden, Alla ħalaq l-umanità Adam u Eva u dan biex jorbot sħiħ Patt ta' mħabba. Barra dan l-ubbidjenza ta' Israel





lejn l-unika liġi mogħtija minn Alla fis-Sinaj kienet fundamentali u garanzija għall-għaqda tal-poplu kollu (Eż 19,8; Dt 5,28-29). Flimkien ma' Marija u Ġużeppi reġgħet ġiet stabilità dik l-armonija tal-Għeden bejn raġel u mara.

Sant'Irinew ta' Lyon (għal-aħħar tat-tieni seklu), jagħmel dan il-parallelliżmu bejn il-koppja Eva-Adam u l-koppja Marija-Ġużeppi. Eva meta ma għobdietx lil Alla, kellha bħala għarus lil Adam u kienet għadha verġni. Marija meta qalet il-*fiat* tagħha, kellha bħala għarus raġel lil Ġużeppi, illi dan ġie mogħti lilha minn qabel; u madankollu kienet verġni. Il-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet grazzi għall-ubbidjenza ta' Marija (*Adversus Haereses* III, 22.24). Mela l-pjan tas-salvazzjoni sar issa b'mod invers. Ir-raġuni profonda ta' dan il-qbil ta' bejniethom bħala għarajjes qiegħed fil-fatt li t-tnejn li huma obdew għas-sejħa tal-Mulej permezz tal-anġlu.

Ġużeppi "raġel ġust" (Mt 1,19) kien pront biex jilqa' d-destin li Alla ħejja għalih f'ħajtu. (Mt 1,24) Marija "qaddejja" fqira tal-Mulej (Lq 1,48) aċċettat b'disponibiltà għarfa u ferrieħa l-pjan divin li ġie minsuġ għaliha u issa rivelat mill-anġlu (Lq 1,38). Tant hu veru dan li fid-diversi ċirkustanzi li graw mit-twelid ta' Ġesù f'Betlehem sa l-ewwel Għid iċċelebrat f'Ġerusalemm, dejjem flimkien mat-tifel li issa kellu tnax-il sena, dejjem insibu lil Marija flimkien ma' Ġużeppi u dan kif jikteb Luqa għal SITT darbiet; dejjem biex jitwettaq kollox "skont il-Liġi ta' Mosè" (Lq 2,22), "skont il-Liġi tal-Mulej" (Lq 2,39), ara wkoll versi 23.24.27.42.

Missier u Omm Ġesù, grazzi għall-qawwa tal-għaqda tagħhom ma' Alla, għexu tassew qishom "ġisem wieħed" (Ġen 2,24). Anqas il-mewt ma setgħet qatt titfi l-għaqda tal-qlub tagħhom. Il-pjetà popolari tħobb tikkontempla lil Marija li issa armla ta' Ġużeppi, tixtieq li tingħaqad mill-ġdid miegħu, ħaj ħdejn Alla ta' Missirijietu u ħdejn l-Iben irxoxtat. U bir-raġun għaliex ir-rabta taż-żwieġ tkompli teżiżti wkoll fid-dinja li ġejja.



# IL-KELMA HI DON IL-PERSUNA L-OĦRA HIJA DON

*Fr Marcello Ghirlando*

Dan huwa t-titlu tal-messaġġ għar-Randan 2017 li, bħalma jagħmel kull sena, kiteb il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku għar-riflessjoni tagħna. Huwa jfakkarna li r-Randan huwa bidu ġdid, triq li twassal lejn il-Għid tal-Qawmien, ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. Ir-Randan joffrielna l-okkażjoni li nerġgħu lura lejn Alla b'qalbna kollha mit-triq tal-konverżjoni li tkabbar fina l-ħbiberija mal-Mulej.



Din is-sena l-Papa għazel li jagħmel meditazzjoni sempliċi, iżda profonda ħafna, fuq il-parabbola tal-għani u l-fqajjar li nsibu biss fil-Vanġelu skont San Luqa 16:19-31. Il-Papa jistqarr li din hija parabbola li toffrielna l-muftieħ biex nifhmu kif għandna nagħmlu biex nilħqu l-veru hena u l-ħajja ta' dejjem, billi ssejħilna għal konverżjoni sinċiera.

## Il-parabbola ta' San Luqa

Hekk jikteb Luqa, li huwa l-uniku li jagħtina din il-parabbola, li bħala kuntest immedjat għandha l-kelmiet qawwija ta' Ġesù, "Ma tistgħux taqdu lil Alla u lil flus" (16:13) u "… ħażin għalih minn ikun ħtija tal-iskandli (15:1) u t-talba mqanqla tal-appostli tal-Mulej, "Kattar fina l-fidi!" (17:5).

"Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u l-għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li jagħmel ikla mill-aħjar. U wieħed fqir

jismu Lazzru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu.

Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll l-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'Art l-Imwiet, rafa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, u b'Lazzru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lazzru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar sħiħ f'dan in-nar.' 'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.' Qallu l-għani, 'Mela nitolbok, missier, ibagħtu f'dar missieri, għax għandi ħamest aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox!' Qallu Abraham, 'Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.' 'Le, missier



Abraham, qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.' Iżda wieġbu Abraham, 'Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.'"

## Il-pittura ta' Luqa

Jekk inqisu lil Luqa bħala pittur, nistgħu ngħidu li b'din is-silta jpittrilna dittiku sabiħ immens: fin-naħa t'isfel ix-xena ta' għani li jgawdi u ta' fqir li jgħix il-miżerija; fin-naħa ta' fuq il-fqir issa fil-hena u l-għani fit-tbatijiet ħorox. Fil-kuntest immedjat tal-Vanġelu din il-parabbola tkompli ssaħħaħ it-tħeġġiġa ta' Ġesù biex id-dixxipli tiegħu ikunu amministraturi onesti tal-ġid u tal-flus, qaddejja ta' Alla u tal-ġid veru u mhux ilsiera tal-flus: "Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien… ma tistgħux taqdu lil Alla u lil flus" (16:11.13).

Ix-xenarju doppju ta' Luqa jfakkar lid-dixxipli ta' Ġesù li hemm il-ħajja wara l-mewt, fejn kulħadd jieħu l-ħlas li ħaqqu. U din il-ħajja wara l-mewt hija definittiva: fiha l-fqar igawdu, skont il-kelmiet tal-magnificat: "Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin. Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn" (Luqa 1:51-53). Għalhekk in-neċessità li wieħed jisma' u jħalli lilu nnifsu jiġi mdawwal issa, fil-preżent



tal-ħajja, mill-Kelma, jiġifieri minn Mosè u l-Profeti. Hija biss ir-rivelazzjoni tal-Iskrittura li twassal għas-saltna ta' Alla; minnha nqiegħdu issa fil-preżent l-għeruq tal-konverżjoni vera u d-dħul fil-barka mwiegħda lil Abraham u lil nislu (Ġen 12:3).

Xenarju kkulurit li bih l-evanġelista tal-foqra u tal-ħniena li jfakkarna li l-patt mal-Mulej jgħaddi dejjem mit-triq tal-ftuħ u tal-imħabba lejn dawk li huma l-iżgħar, inqas ixxurtjati. Kif fil-fatt jistqarr Ġakbu fl-Ittra tiegħu: "Quddiem Alla u Missierna t-tjieba safja u bla tebgħa hija din: iżżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" (Ġakbu 1:27).

## Il-persunaġġi tal-parabbola

Fix-xena t'isfel Luqa jpitter is-sitwazzjoni taż-żewġ persunaġġi, il-fqir u l-għani, tal-parabbola: "Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u l-għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li jagħmel ikla mill-aħjar."

L-għani huwa bla isem; huwa ikona tal-ateu prattiku. Huwa bniedem li bħal donnu huwa ċċentrat fuqu nnifsu; il-fiduċja tiegħu hija biss fl-għana tiegħu. Hawnhekk ifakkarna ftit f'Erodi, imlibbes b'mod għani, mixħut għall-ikel u jippretendi li huwa xi alla (ara: Atti 12:21-22; Mk 6:21).

Fil-messaġġ tar-Randan, il-Papa Franġisku jirrifletti li fl-għani wieħed jista' jilmaħ kważi traġikament il-qerq tad-dnub, li jseħħ fi tliet mumenti wara xulxin: iħobb il-flus, il-vanità u s-suppervja. Huwa rgħib, dik ir-regħba li hija l-ewwel raġuni tal-korruzzjoni u għajn ta' għira, tilwim u suspetti…" il-flus jistgħu ijassru kemm lilna u kemm lid-dinja kollha taħt loġika egoistika li ma tħallix wisgħa għall-imħabba u xxekkel is-sliem." Huwa vanituż… b'dehra li taħbi taħt maskra

l-vojt li hemm ġewwa. Huwa supperv; "jilbes qisu kien sultan, jipprova jikkopja kif iġib ruħu alla, u jinsa li hu sempliċement bniedem tad-demm u l-laħam."

Dan kollu jwassal biex l-għani tal-parabbola jeżiżti biss il-jien tiegħu u dawk li hemm madwaru ma jidħlux taħt il-ħarsa tiegħu. "ma jarahx lill-fqir imġewwah, kollu ġrieħi u mixħut fl-umiljazzjoni tiegħu."

"U wieħed fqir jismu Lazzru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu."

Il-fqir għandu isem, Lazzru. Ifisser "Alla jgħin" Alla biss huwa l-għajnuna tiegħu… u l-klieb li, ħafna aħjar mill-għani għama, jilagħqulu l-ġrieħi!

Il-Papa jsejjaħ ix-xena tal-fqir bħala "kwadru mudlam, u l-bniedem jinsab mixħut fl-għaks u umiljat. Imma għax jismu Lazzru, "Alla jgħin", ifakkarna li jsir "wiċċ li nistgħu naraw; u bħala tali don, għana bla qies, esseri mixtieq, maħbub minn Alla li jiftakar fih, imqar jekk il-qagħda konkreta tiegħu hi dik ta' xi ħadd mormi mill-bnedmin."

## Taqliba solenni

Ix-xena ta' fuq tippreżentalna taqliba solenni: "Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll l-għani, u difnuh."

Il-fqir imut bħall-bnedmin kollha. Iżda l-mewt, li hija passaġġ obbligatorju ta' kulħadd, toħloq d-distinzjoni. Skont il-frott ta' konverżjoni li wieħed ikun għamel f'ħajtu. Ix-xorti tiġi mmarkata għal dejjem. Hekk hu li l-fqir jittieħed fi ħdan Abraham, missier dawk kollha li jemmnu. Lazzru huwa fi ħdanu, għax bħalu tefa' l-fiduċja tiegħu kollha f'Alla.

L-għani jmut ukoll imma "difnuh". L-art kienet il-fiduċja tiegħu… u lejn l-art jerġa' jmur, f'rabta ta' tbatijiet ħorox, frott dak li kien żera' f'ħajtu. Interessanti ninnutaw li huwa proprju issa li dak li ma setax u ma riedx jara l-fqir f'ħajtu, issa jinfetħulu għajnejh: "rafa' ħarstu,



u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, u b'Lazzru fi ħdanu." U dak li rrifjuta f'ħajtu jixtieqú issa wara mewtu. Jgħajjat lil Abraham, missieru. Iżda kif seta' fil-verità jagħraf lil Abraham bħala missieru jekk f'ħajtu għalaq għajnejh għal ibnu, fil-persuna ta' Lazzru? Jitlob l-ilma… "… ħa jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar sħiħ f'dan in-nar."

It-tweġiba ta' Abraham hija kategorika: "'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna." Il-vojt bla qies ta' bejniethom kien ħaffru hu stess f'ħajtu billi għalaq kompletament għajnejh għall-fqir, ittarraxx quddiem il-karba ta' Lażżru kollu ġrieħi, jokrob il-ġuħ.

Hekk jikkummenta l-Papa fuq dan id-djalogu tal-għani ma' Abraham: "Anki l-ħarsa tagħna tinfetaħ lejn il-ħajja l-oħra, fejn l-għani jkollu djalogu twil ma' Abraham, li jsejjaħlu 'missier', biex juri li hu jagħmel parti mill-poplu ta' Alla. Dan id-dettall jagħmel il-ħajja tiegħu iżjed kontradittorja, għax sa issa ma kien għadu ma ntqal xejn fuq ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Fil-fatt, f'ħajtu ma kienx hemm post għal Alla, għax l-uniku alla tiegħu kien hu nnifsu".

## Mosè u l-Profeti

L-għani jixtieq li ħutu ma jgħaddux mill-istess triq tiegħu u jitlob lil Abraham jibgħat lil Lazzru għandhom. It-tweġiba ta' Abraham, għal darb'oħra, hija kategorika: "Qallu Abraham, 'Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.' 'Le, missier Abraham', qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.' Iżda wieġbu Abraham, 'Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.'"

Hija fil-fatt il-Kelma ta' Alla, Mosè u l-Profeti, li ddawwal lil min jemmen fuq l-art. Hija l-Liġi li tinġabar fil-kmandament tal-imħabba. Hija l-kelma li ddawwal lil bniedem fuq kif għandu jgħix fuq din l-art. Hija dik il-Kelma li turi l-qalb kbira tal-Missier tas-sema li jsejjaħ dejjem għall-imħabba. Hija l-kelma li ddawwal lil kull min jemmen. "Musbieħ għal riġlejja l-Kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi!" (Salm 119:105).

## Il-persuna l-oħra hija don

Imdawwal minn din il-parabbola l-Papa Franġisku jtenni li kull persuna mela hija don ta' Alla: "Lazzru jgħallimna li l-persuna l-oħra hija don… anki





l-fqir fuq l-għatba tal-għani mhux xi żgombru li jdejjaqna, imma sejħa għall-konverzjoni u għall-bidla b'ħajjitna. L-ewwel stedina li tagħmlilna din il-parabbola hi biex nifitħu l-bieb ta' qalbna għall-oħrajn, għax kull persuna hi don, kemm min hu qrib tagħna u kemm il-fqir li ma nafuhx… kull ħajja li niltaqgħu magħha hi don u allura jixirqilha min jilqagħha, jirrispetaha, iħobbha."

## Il-Kelma hija don

Fid-dawl tal-parabbola wkoll, Papa Franġisku jfakkarna x'don għandna fil-kelma. Hekk jikteb: "Il-vera problema tal-għani, l-għerq tal-ħażen tiegħu hu li ma jagħtix widen għall-Kelma ta' Alla; dan wasslu biex ma jibqax iħobb iżjed lil Alla u hekk jistkerrah il-proxxmu. Il-Kelma ta' Alla hi qawwa ħajja, li kapaċi tqanqal għall-konverżjoni fil-qalb tal-bnedmin u turihom mill-ġdid il-persuna ta' Alla. Jekk nagħlqu qalbna għad-don ta' Alla li jitkellem, dan iġib miegħu l-għeluq tal-qalb għad-don tal-aħwa."

"Hi l-Kelma ta' Alla li tgħinna nifitħu għajnejna biex nilqgħu l-ħajja u nħobbuha, fuq kollox meta hi dgħajfa."

Mhux ta' b'xejn li l-Papa Franġisku, dejjem fid-dawl tal-parabbola tal-għani u l-fqir, jagħlaq il-messaġġ tiegħu tar-Randan b'tħeġġiġa mqanqla: "L-Ispirtu s-Santu jmexxina lejn it-triq tal-vera konverżjoni, biex niskopru mill-ġdid il-kelma ta' Alla, nissaffew mid-dnub li jagħmina u naqdu lil Kristu preżenti f'ħutna fil-bżonn".

U forsi tgħodd ħafna f'dan il-kuntest il-kelma qawwija li jgħaddhielna Ġakbu (1:22-25): "Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom. Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma u ma jagħmilhiex, ikun bħal bniedem li jara f'mera l-wiċċ li bih twieled: jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa kif kien. Imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fl-għemil tiegħu".

# “DAN MIN HU, MELA, BIEX SAĦANSITRA R-RIĦ U L-BAĦAR JISIMGĦU MINNU?” RIFLESSJONIJIET FUQ MK 4, 35-41



***Fr Martin Micallef OFMCap***

L-Evanġelju skont San Mark, forsi minħabba li huwa l-iqsar fost l-erba’ Evanġelji, għal ħafna żmien donnu ġie ttraskurat minn dawk li jistudjaw l-Iskrittura. Iżda meta ħafna minn dawn l-istudjużi għarfu b’reqqa li dan hu l-ewwel Evanġelju li nkiteb, l-interess għall-istudju f’dan l-Evanġelju kiber sewwa u bosta studji ġodda tefgħu dawl ġdid fuq is-sbuħija tat-teoloġija li hemm minsuġa fir-rakkonti kkuluriti li flimkien jiffurmaw in-narrativa ta’ dan l-Evanġelju.[1] Nistgħu ngħidu li dan l-Evanġelju jagħti aktar spazju lill-azzjoni milli lit-tagħlim ta’ Ġesù.

Ir-rakkonti li jimlew il-paġni ta' dan l-Evanġelju juru lil Ġesù b'wiċċ tassew uman, filwaqt li jagħtuna wkoll l-emozzjonijiet tiegħu, jiġifieri dak li kien iħoss Ġesù quddiem sitwazzjonijiet ta' persuni differenti.[2] Flimkien ma' dan, insibu wkoll is-sentimenti u l-imġiba ta' tant persunaġġi li jiltaqgħu ma' Ġesù. Hekk jurina l-episodju li sejrin nitkellmu fuqu f'dan l-artiklu, l-episodju li nsibuh f'Mk 4:35-41 li jirrakkonta l-ġrajja ta' meta Ġesù u d-dixxipli sabu ruħhom f'maltempata kbira waqt li kienu fid-dgħajsa.[3]

Hemm sitt punti li se nippruvaw nieqfu ftit fuqhom: il-maltempata; id-deskrizzjoni ta' Ġesù rieqed; ir-reazzjoni tad-dixxipli għall-fatt li Ġesù kien rieqed; l-azzjoni ta' Ġesù quddiem il-maltempata; it-tweġiba ta' Ġesù lid-dixxipli; l-istagħġib tad-dixxipli quddiem il-miraklu ta' Ġesù.

## Il-maltempata

L-episodju tal-maltempata fuq il-baħar li nsibuh f'Mk 4:35-41 jgħaqqad mat-taqsima ta' qabel, jiġifieri l-ewwel parti tal-Kapitlu 4 (Mk 4:1-34) fejn naqraw hekk: "Raġa' beda jgħallem ħdejn il-baħar, u nġabret madwaru kotra kbira, hekk li kellu jitla' bil-qiegħda f'dgħajsa fuq il-baħar, u n-nies kollha l-art matul ix-xatt" (v.1). Wara jum sħiħ li matulu Ġesù qagħad jgħallem bil-parabboli, San Mark jippreżenta numru ta' mirakli li wettaq Ġesù u li jservu sabiex juruna l-qawwa tiegħu fuq l-elementi kollha, filwaqt li dan kollu jqajjem biża' f'dawk preżenti. Ir-rakkont tat-tempesta nsibuh irrakkuntat eżattament bejn id-diskors ta' Ġesù fuq il-parabboli u t-tliet mirakli drammatiċi oħra li huma rrakkuntati fil-Kapitlu 5, jiġifieri, il-miraklu li bih Ġesù juri l-qawwa tiegħu fuq ix-xitan meta jfejjaq raġel imxajtan f'Ġerasa (ara Mk 5:1-20) u l-miraklu li bih juri l-qawwa tiegħu fuq il-mewt meta jqajjem lit-tifla ta' Ġajru li kienet mejta u jfejjaq mara marida (ara Mk 5: 21-43). Dawn it-tliet elementi: in-natura, ix-xitan u l-mewt, kienu meqjusin bħala l-qawwiet li jheddu l-ħajja tal-bniedem.[4]

Is-silta tagħna tibda bid-dettalji tal-jum u l-ħin: "Dakinhar, xħin sar filgħaxija" (Mk 4:35). Ir-referenza għal "dakinhar" teħodna lura għal dak li nsibu qabel. Hawnhekk, mela, għadna fl-istess jum li Ġesù kien għadda fuq dgħajsa jgħallem lin-nies bil-parabboli.[5] Hekk insibu fil-versi ta' qabel dan l-episodju, xi ħaġa li tkompli toħroġ tajjeb fil-vers ta' wara, il-vers 36 fejn naqraw kif id-dixxipli "ħallew in-nies, u ħaduh magħhom kif kien fid-dgħajsa." Ġesù, mela, kien għadu fuq l-istess dgħajsa li fuqha kien tela' aktar kmieni sabiex jgħallem lin-nies. Huwa Ġesù nnifsu li kien fuq din id-dgħajsa, li fil-bidu ta' dan ir-rakkont jistieden lid-dixxipli u jgħidilhom: "Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor" (v.35).[6] Din l-istedina ta' Ġesù tixbah dak li nsibu fil-bidu ta' dan l-Evanġelju meta Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nippriedka hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt" (Mk 1:38). B'dan il-kliem, Ġesù kien qed jistieden lid-dixxipli sabiex flimkien miegħu jħallu warajhom Kafarnahum u l-interessi tagħhom sabiex jakkumpanjawh fil-ministeru li kellu jwettaq fil-kumplament tal-Galilija.

In-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, fejn Ġesù stieden lid-dixxipli sabiex imorru miegħu bid-dgħajsa, kien faċċata ta' Kafarnahum, in-naħa tal-Lvant, li l-parti l-kbira tiegħu kien territorju pagan (ara Mk 5:1).[7] Dan ifisser li l-missjoni ta' Ġesù issa kienet se testendi għall-ewwel darba f'territorju pagan, lil hemm mill-fruntieri ta' Israel. Jekk kinetx l-intenzjoni ta' Ġesù li jmur f'territorju pagan, l-Evanġelista San Mark ma jgħidilna xejn b'mod espliċitu, iżda nistgħu nissoponu dan minħabba li l-inizjattiva sabiex imorru hemmhekk ġiet minn Ġesù nnifsu. Kien hu li qal lid-dixxipli: "Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor" (v.35).

Imbagħad San Mark ikompli jinfurmana li "ħallew in-nies, u ħaduh magħhom kif kien fid-dgħajsa; u marru miegħu dgħajjes oħra" (v.36).[8] Is-soltu hu Ġesù li jieħu miegħu lid-dixxipli. Hekk per eżempju naqraw fl-episodju tat-Trasifugrazzjoni (ara Mk 9:2). Din il-passività min-naħa ta' Ġesù donnha tippreparana għall-fatt li Ġesù jibqa' rieqed u allura jidher passiv fil-maltempata li tqum fuq din l-istess dgħajsa.[9]

Hekk inkomplu naqraw: "U qam riefnu kbir, u l-mewġ beda tiela' għal ġod-dgħajsa, hekk li kienet ġa bdiet timtela bl-ilma" (Mk 4:37). Il-baħar tal-Galilija huwa magħruf għall-maltempati vjolenti li jinqalgħu mingħajr ebda avviż minħabba l-pożizzjoni tiegħu hekk kif ir-riħ jonfoħ mill-widien wieqfa tal-għoljiet li jdawru dan il-baħar.[10] Imma din id-darba l-maltempata kienet tant kbira li werwret saħansitra lil dawn is-sajjieda tas-sengħa. San Mattew meta jirrakkonta dan l-istess rakkont jagħtina l-impressjoni li kważi kien hemm *tsunami* fuq il-baħar meta juża l-espressjoni bil-Grieg: *seismos megas,* jiġifieri *marimoto* kbir, xi ħaġa li tiġri wkoll fuq l-art meta jmut Ġesù (ara Mt 27:51) u meta l-anġlu tal-Mulej jinżel igerbeb il-ġebla tal-qabar ta' Ġesù (ara Mt 28:2).

## Id-deskrizzjoni ta' Ġesù rieqed

F'din il-maltempata kbira jinħass ħafna l-kuntrast kbir bejn l-atteġġjament ta' Ġesù li "kien fil-poppa, rieqed fuq imħadda" u





l-preokupazzjoni tad-dixxipli li "qajmuh u qalulu: 'Mgħallem, dan qisu mhu xejn għalik li aħna se nintilfu?'" (v.38). Din hija l-unika referenza għal Ġesù 'rieqed', bil-Grieg: *katheudon*, fl-Evanġelju.[11] Imma kif seta' Ġesù jorqod f'waqt ta' periklu bħal dan? Il-qawwa ta' dan ir-rakkont irridu nippruvaw infittxuh eżattament f'dan il-kuntrast. Xi kummentarji jiġbdu l-attenzjoni li hawnhekk m'aħniex wisq 'il bogħod mill-paradoss li nsibu fir-raba' parabbola li Ġesù jtenni qabel dan l-episodju. F'din il-parabbola, naqraw li wara li l-bidwi ħareġ jiżra' ż-żerriegħa huwa raqad. Anzi l-parabbola tippreċiża li "rieqed jew imqajjem, bil-lejl jew bi nhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma jaf kif" (Mk 4:27). Issa hawnhekk Ġesù kien żera' l-kelma, kien ta ordni, dik li jaqsmu għan-naħa l-oħra tal-baħar, u ara issa hu wkoll kien rieqed! Li tibqa' rieqed f'maltempata bħal dik huwa diġà miraklu fih innifsu. B'dan il-mod, Ġesù jiġi muri bħala eżempju ta' xi ħadd li jafda b'mod sħiħ f'Alla. Hekk naqraw, per eżempju f'Salm 4:9 "Nimtedd u norqod minnufih fis-sliem, għax int waħdek, Mulej, fis-sod tqegħedni."[12]

Numru ta' kummentarji jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li Ġesù li jorqod fid-dgħajsa f'nofs tempesta hija xena li tfakkarna f'xena oħra biblika. Ġesù rieqed jixbah lill-profeta Ġona li raqad fl-istiva tal-ġifen li ħadu f'Tarsis (ara Ġona 1:5b).[13]

Hemm xebh kbir bejn iż-żewġ rakkonti:

- it-tempesta tissorprendi liż-żewġ profeti fuq id-dgħajsa;
- in-ngħas tat-tnejn waqt il-maltempata;
- kemm fil-każ ta' Ġona (Ġona 1:6), kif ukoll fil-każ ta' Ġesù (Mk 4:38) rieqed u mqajjem l-għajta 'se nintilfu' isegwi b'sejħa għall-għajnuna: lil Ġona talbuh jitlob lil Alla tiegħu, filwaqt li d-dixxipli jċanfru lil Ġesù u jistennew minnu li jagħmel xi ħaġa;
- Ġesù jaqsam il-baħar, iħalli x-xtajta ta' territorju Lhudi sabiex jilħaq għax-xtajta l-oħra, dik pagana. Hekk ukoll, Ġona huwa l-profeta *per eċċellenza*



mibgħut minn Alla għand il-pagani, f'dan il-każ, fil-belt il-kbira ta' Ninwè.

Minkejja dan il-paralleliżmu, il-qarrej jibda jinduna li Ġesù hu ppreżentat l-oppost ta' Ġona. Fil-ktieb ta' Ġona huwa Alla li jikkmanda r-riħ. F' San Mark ma nsibu xejn dwar dan. Minflok, huwa Ġesù li jieħu l-inizjattiva sabiex jaqsam għan-naħa l-oħra tax-xatt. Hekk ukoll fil-każ ta' Ġesù, is-salvazzjoni ma tasalx billi jitfgħu lill-profeta l-baħar kif ġara fil-każ ta' Ġona. Minflok, Ġesù il-profeta, jisma' t-talba ta' dawk li kienu miegħu fuq id-dgħajsa, iqum u jwaqqaf il-maltempata bil-kelma setgħana tiegħu.

Xi studjużi oħra iżda jinnutaw ukoll li hemm episodju ieħor li ħaqqu li jinqara f'paralleliżmu ma' dan tat-tempesta. Dan hu l-episodju tal-agunija ta' Ġesù fil-Ġetsemani (Mk 14:32-42):[14]

- fiż-żewġ episodji ix-xena seħħ filgħaxija;
- fiż-żewġ każijiet fil-bidu tar-rakkont insibu l-użu tal-verb bil-Grieg: *paralambanein* li jfisser "tieħu miegħek"; fil-każ tal-episodju tat-tempesta huma d-dixxipli li "jieħdu" lil Ġesù magħhom (Mk 4:36), imma fil-każ tal-episodju tal-agunija fil-Ġetsemani, huwa Ġesù li 'jieħu' miegħu xi dixxipli (ara Mk 4,36 u 14,33);
- fuq il-baħar Ġesù jorqod, filwaqt li d-dixxipli tiegħu jiġġieldu mal-biża' li kienu se jitilfu ħajjithom minħabba l-maltempata. Din l-istampa tinqaleb ta' taħt fuq fl-episodju tal-agunija ta' Ġesù, għaliex fil-ġnien tal-Ġetsemani huwa Ġesù li jiġġieled mad-dwejjaq li qabduh minħabba li kien se jmut, filwaqt li din id-darba huma d-dixxipli li jorqdu.

## Ir-reazzjoni tad-dixxipli għal Ġesù rieqed

Is-serenità ta' Ġesù li hu muri lilna rieqed fuq imħadda fid-dgħajsa f'nofs din il-maltempata kbira ma tesprimix l-istess sentiment tad-dixxipli li qajmu lil Ġesù u qalulu: "Mgħallem, dan qisu m'hu xejn għalik li aħna se nintilfu?" (Mk 4:38).[15] Ma jidhirx li dan il-kliem id-dixxipli qaluh lil Ġesù b'ġentilezza. Minflok, aktar jidher li huma kienu qed iċanfru lil Ġesù talli baqa' rieqed daqs li kieku ma kien qed jiġri xejn.[16] Tant hu hekk, li San Mattew li kiteb wara San Mark ibiddel dan il-kliem tad-dixxipli minn: "Mgħallem, dan qisu m'hu xejn għalik li aħna se nintilfu?" għal "Salvana, Mulej! Se nintilfu!"

(Mt 8:25). Hekk ukoll jagħmel San Luqa meta jippreżentalna lid-dixxipli jgħidu lil Ġesù: "Mgħallem, Mgħallem, se nintilfu!" (Lq 8:24).

Dan huwa t-tieni kliem li d-dixxipli jtennu fl-Evanġelju skont San Mark. Sa issa kulma kienu qalu d-dixxipli hu biss dak li nsibu f'Mk 1:37 meta filgħodu kmieni sabu lil Ġesù jitlob u qalulu: "Kulħadd jistaqsi għalik." Issa, f'din is-sitwazzjoni ta' bżonn fuq id-dgħajsa waqt din il-maltempata, San Mark jagħtina t-tieni frażi minn fomm id-dixxipli. Għall-ewwel darba fl-Evanġelju skont San Mark, Ġesù jiġi msejjaħ u rikonoxxut bħala 'Mgħallem', bil-Grieg: *didaskale*, titlu li aktarx jitraduċi l-Aramajk *Rabbi*. Dan it-titlu nsibuh użat tnax-il darba fl-Evanġelju skont San Mark u dejjem jiġi applikat għall-persuna ta' Ġesù.[17] It-titlu *didaskale* - mgħallem - applikat għal Ġesù, insibuh mhux biss fuq fomm id-dixxipli tal-inqas tliet darbiet,[18] iżda wkoll fuq fomm persuni li jiltaqgħu ma' Ġesù, bħal ngħidu aħna, dak il-missier li jersaq lejn Ġesù jitolbu: "*Mgħallem*, ġibtlek lil ibni għax għandu spirtu mbikkem" (Mk 9:17), jew ir-raġel għani li resaq lejn Ġesù u qallu: "*Mgħallem* tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" (Mk 10:17.20). Darba biss insibu dan it-titlu fuq fomm Ġesù stess meta qabel l-aħħar ċena bagħat lid-dixxipli jippreparaw u qalilhom biex meta jsibu raġel iġorr ġarra bl-ilma jgħidulu: "Qallek l-*Imgħallem*: fejn hi l-kamra tiegħi li fiha nista' niekol l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?" (Mk 14:14).

Imma Ġesù hu ħafna aktar minn *Mgħallem,* kif sejħulu d-dixxipli fuq id-dgħajsa waqt il-maltempata. Dan jidher sewwa mill-fatt li meta San Mattew u San Luqa ġew biex jirrakkuntaw dan l-istess fatt, huma bidlu dan it-titlu billi kull wieħed minnhom ta titlu aktar





għoli għal Ġesù. San Mattew fil-fatt juża t-titlu bil-Grieg: *Kyrie - Mulej;* filwaqt li San Luqa juża t-titlu bil-Grieg: *epistata,* li litteralment ifisser dak li jippresiedi, jew il-kap. Il-mod, mela, kif id-dixxipli jindirizzaw lil Ġesù hawnhekk juri li għadhom ħafna 'l bogħod mill-mod kif l-awtur ta' dan l-Evanġelju jridna nifhmu lil Ġesù bħala "Kristu, l-Iben ta' Alla" (Mk 1:1).[19]

## It-tweġiba ta' Ġesù lid-dixxipli

Għar-reazzjoni tad-dixxipli li marru jqajmu lil Ġesù li kien rieqed biex jikkomunikaw miegħu l-ansjetà tagħhom meta jgħidulu: "Mgħallem, dan qisu mhu xejn għalik li aħna se nintilfu?" (Mk 4:38), naqraw hekk: "Imbagħad [Ġesù] qam, ordna lir-riħ u qal lill-baħar: 'Iskot! Biżżejjed!' U r-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira" (v.39).[20] It-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* titraduċi l-verb bil-Grieg: *epitimesan* b'dan il-mod: "U Ġesù ORDNA lir-riħ," filwaqt li fit-traduzzjoni ta' Saydon naqraw hekk: "U Ġesù GĦAMAR IR-RIĦ BIL-QAWWA." Dak li hu interessanti ninnutaw hawnhekk huwa li l-verb Grieg: *epitimesan* li San Mark qed juża hawnhekk biex bih jurina l-azzjoni ta' Ġesù li biha sikket il-baħar, is-soltu jintuża għar-rakkonti tal-eżorċiżmu, meta Ġesù jsikket u jkeċċi xitan.[21] Hekk, per eżempju, naqraw fl-ewwel miraklu li jirrakkonta San Mark, meta fis-sinagoga ta' Kafarnahum fejn Ġesù kien qed jgħallem, daħal raġel bi spirtu ħażin, "imma Ġesù IKKMANDAH, bil-Grieg: *epetimesen*: 'iskot,' qallu, 'u oħroġ minnu'" (Mk 1:25).[22] F'dan il-każ tal-maltempata, San Mark, mela, donnu li qed juża dan l-istess verb biex jurina lil Ġesù jrażżan il-qawwa tar-riħ u l-mewġ tal-baħar bħalli kieku kien qed jagħmel xi eżorċiżmu.

F'dan il-kuntest, tajjeb li nżommu f'moħħna wkoll, li fl-Iskrittura il-baħar u l-mewġ huma simbolu tal-post fejn jgħammru mostri u xjaten. Is-Salmi għandhom bosta referenzi għall-kontroll ta' Alla l-Imbierek fuq il-baħar u l-protezzjoni li huwa jagħti lil dawk li jkunu qed jaqsmu l-ibħra waqt li jiġu mhedda mill-qilla tagħhom. Hekk naqraw, per eżempju, fis-Salm 107: 29

"U bidel ir-riefnu f'żiffa,
u sikket mewġ il-baħar,
Huma ferħu għax ibbnazza;
u hu wassalhom sal-port li xtaqu."

Issa, fost l-istagħġib tad-dixxipli, Ġesù juri l-istess

qawwa divina fuq il-baħar u r-riħ, b'mod illi nkomplu naqraw: "U waqgħet kalma kbira" (Mk 4:39). F'din is-silta, li hija magħmula biss minn 7 versi, il-kelma 'kbira', bil-Grieg: *megale*, qed tintuża hawn għat-tieni darba, u terġa' tintuża saħansitra għat-tielet darba. F'Mk 4:37 naqraw li "qam riefnu KBIR"; fil-vers 39 inkomplu naqraw li "waqgħet kalma KBIRA"; u fil-vers ta' wara, imbagħad, naqraw li quddiem dan il-miraklu d-dixxipli "qabadhom biża' KBIR" (v.40).

## Il-mistoqsijiet ta' Ġesù lid-dixxipli

Ġesù iżda ma jiqafx hawn. Wara li jsikket ir-riħ u l-baħar, huwa jdur fuq id-dixxipli u jagħmlilhom żewġ mistoqsijiet. L-ewwel mistoqsija ta' Ġesù lid-dixxipli hija: "Dal-biża' kollu għaliex?" It-tieni ssegwi: "mela ma għandkomx fidi?" (v.40). Huwa sorprentendi mhux biss dak li Ġesù jagħmel minn fuq din id-dgħajsa, iżda wkoll il-mistoqsijiet li jagħmel lid-dixxipli u li bihom jikkritika l-biża' tagħhom.[23] Fil-periklu li sabu ruħhom fih id-dixxipli fuq id-dgħajsa, il-biża' kbir li qabadhom jidher sentiment normali u ovvju. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' Ġesù tista' tidher mhux reali: Ġesù jidher li kien qed jistenna mġiba differenti mid-dixxipli: minflok ma jiġu impressjonati mill-periklu tal-mewt li kienet qed toffri din il-maltempata, huma kellhom iserrħu rashom li Ġesù kien magħhom, ukoll jekk huwa kien rieqed f'din id-dgħajsa li fiha kien dieħel l-ilma!

F'kelma oħra, id-dixxipli sabu ruħhom bejn żewġ kurrenti: min-naħa kien hemm it-tempesta u min-naħa l-oħra kien hemm Ġesù. Min-naħa l-biża' li ħassew kien frott it-tempesta li sabu ruħhom fiha, min-naħa l-oħra, il-fidi kellha tinbet fihom minħabba l-preżenza ta' Ġesù fid-dgħajsa. Id-dixxipli mela, sabu ruħhom fi problema eżistenzjali: minn min kellhom jiġu impressjonati u determinati l-aktar: mit-tempesta jew mill-preżenza ta' Ġesù? Tajjeb li nżommu f'moħħna hawnhekk li d-dixxipli li Ġesù jċanfar fuq din id-dgħajsa ma kinux aktar prinċipjanti, jiġifieri ma kinux fil-bidu nett fir-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù. Minflok huma diġà kellhom esperjenza tal-persuna ta' Ġesù u tal-qawwa tiegħu. Tajjeb niftakru wkoll li dawn kienu l-istess dixxipli li qabel dan l-episodju kienu preżenti sabiex jisimgħu t-tagħlim ta' Ġesù bil-parabboli: kien lilhom li "meta kien ikun waħdu magħhom, kien ifissrilhom kollox" (4:34). Madanakollu, jidher li ma





kienu fehmu xejn! Il-Kelma li kienu semgħu kienet għadha biss bħal dik iż-żerriegħa li waqgħet fuq il-passaġġ (ara Mk 4:3). F'kelma oħra, il-periklu li sabu ruħhom fih fuq id-dgħajsa kien jagħmel parti mill-prova tal-fidi tagħhom bħala dixxipli ta' Ġesù.

Din hija tema ċentrali fin-narrativa ta' San Mark. Dan l-Evanġelista ma tantx jagħtina stampa tajba wisq tad-dixxipli. Minkejja li dawn kienu kontinwament ma' Ġesù, b'danakollu huma jibqgħu persuni li donnhom ma jifhmux lil Ġesù, sakemm fl-aħħar jittraduh u jabbandunawh, b'mod illi meta niġu għall-waqt tad-difna ta' Ġesù ma nsibu lil ħadd minnhom preżenti.[24] F'kuntrast man-nuqqas kbir ta' fidi min-naħa tad-dixxipli li kienu dejjem ma' Ġesù, San Mark jippreżentalna serje ta' personaġġi oħra li jissemmew darba biss, imma li l-fidi tagħhom f'Ġesù tispikka ħafna.[25] Hekk, per eżempju, Ġajru li dwaru San Mark jgħidilna: "Dan, malli ra [lil Ġesù], inxteħet f'riġlejh, u talbu ħafna u qallu: 'Binti ż-żgħira waselt fl-aħħar ejja qiegħed idejk fuqha, ħalli tfiq u tgħix'" (Mk 5:22-23). Meta mbagħad Ġesù jiddawwar ma jmur minħabba l-laqgħa li kellu mal-mara li kienet tbati bit-tnixxiegħa tad-demm, lil Ġajru jgħidulu: "Bintek mietet; għalfejn tħabbtu iżjed l-Imgħallem?" (v.35). Ġajru sab ruħu bejn li jagħżel li jiġi determinat mill-qawwa tal-mewt, u allura li jitlef kull tama, jew inkella li jżomm sħiħ fil-fidi tiegħu fil-qawwa ta' Ġesù. Fil-fatt, Ġesù jgħinu f'din l-għażla meta jgħidlu: "Tibżax, biss inti emmen" (v.36).

Mhux biss il-fidi kbira ta' Ġajru tikkontrasta man-nuqqas ta' fidi tad-dixxipli, imma wkoll il-fidi tal-mara li kienet ilha tnax-il sena sħaħ tbati bit-tnixxiegħa tad-demm. Mimlija fidi f'Ġesù hija qalet: "Jekk immiss imqar il-mantar tiegħu nkun imfejqa" (v.28). Irid

ikollok fidi kbira biex tgħid kliem bħal dan. Fil-fatt, Ġesù jfaħħar il-fidi tagħha meta jgħidilha: "Binti, il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliem, u kun imfejqa mill-marda tiegħek" (v.34). Il-fidi ta' din il-mara iżda tikkuntrasta mill-ġdid man-nuqqas ta' kompressjoni tad-dixxipli li meta Ġesù staqsa: "Min messli l-mantar?" (v.30), id-dixxipli qalulu: "Qiegħed tara dawn in-nies kollha jrossu madwarek, u tistaqsi: Min messni?" (v.31).

Eżempju ieħor ta' kuntrast bejn il-fidi ta' karattri li jissemmew darba biss f'dan l-Evanġelju u n-nuqqas ta' fidi tad-dixxipli li kienu kontinwament ma' Ġesù nsibuh fl-episodju ta' dak il-missier li kellu ibnu maħkum mix-xitan (ara Mk 9:14-29). B'fiduċja kbira f'Ġesù, dan il-missier ried jieħu lil ibnu għand Ġesù iżda minflok sab biss lid-dixxipli. Dawn iżda ma rnexxielhomx ikeċċu lix-xitan minn ibnu u din il-ħaġa setgħet qatgħetlu qalbu, tant illi meta wasal Ġesù dar-raġel qallu: "Jekk tista' tagħmel xi ħaga, għinna u ħenn għalina!" (9:22). Dan id-djalogu aktar espliċitu fuq il-fidi jkompli meta naqraw hekk: "Qallu Ġesù: 'Kollox jista' jkun għal min jemmen!' Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: 'Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!'" (vv.23-24).

F'dawn it-tliet eżempji li semmejna - Ġajru, il-mara bit-tnixxiegħa tad-demm u l-missier li kellu ibnu mxajtan - naraw kuntrast kbir mad-dixxipli li kienu ma' Ġesù fuq id-dgħajsa u li Ġesù ċanfarhom minħabba li ma kellhomx fidi.

## L-istagħġib tad-dixxipli fuq id-dgħajsa

L-Evanġelista San Mark ma jsemmix il-biża' tad-dixxipli waqt il-maltempata fuq il-baħar. Huwa biss wara l-intervent qawwi ta' Ġesù u l-mistoqsijiet li jagħmlilhom li naqraw: "U qabadhom biża' kbir, u bdew jgħidu lil xulxin: 'Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?'" (Mk 4:41).[26] Dan ifisser li aktar milli t-tempesta u l-periklu tal-mewt li sabu ruħhom fih, kien Ġesù stess li qajjem fihom biża' kbir. Din ma kinetx l-ewwel darba li l-għemil ta' Ġesù wassal għal reazzjoni bħal din. Wara l-ewwel miraklu ta' eżorċiżmu li jagħmel Ġesù fis-Sinagoga ta' Kafarnahum, naqraw li dawk preżenti "ilkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: 'Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu għalih!'" (Mk 1:27).

Hija wiesgħa d-diskussjoni fost il-Kummentarji kif għandha nivvalutaw il-biża' tad-dixxipli f'dan l-episodju. Li t-terminu 'biża'', bil-Grieg: *phobos*, jista' jissarraf f' "biża' reliġjuż" quddiem id-divin hija xi ħaġa li jaffermawha numru ta' studjużi.[27] Madanakollu, jekk inhu hekk, forsi wieħed jistenna li r-reazzjoni tad-dixxipli kellha tkun waħda ta' adorazzjoni, ta' tifħir jew akklamazzjoni u ringrazzjament bħalma ġara f'Kafarnahum meta Ġesù fejjaq lill-paralitiku (ara Mk 2:12). Iżda minflok hawnhekk naqraw li d-dixxipli beżgħu. Il-verb li jintuża' hawn bil-Grieg: *phobeo* - "beżgħu."

Huwa għalhekk li numru ieħor ta' kummentarji jinterpretaw il-biża' tad-dixxipli bħala biża' tassew, f'rabta ma' nuqqas ta' fidi.[28] Il-verb li jintuża hawn bil-Grieg: *phobeo* - "beżgħu", huwa użat b'mod ripetut f'episodji oħra li jiġu wara dan l-episodju sabiex jiddeskrivi r-reazzjoni ta' persuni differenti għall-għemil ta' Ġesù. Hekk, per eżempju, il-kap tas-sinagoga li kien qed jibża' li bintu kienet se tmut, Ġesù jistiednu sabiex ma jibżax (ara Mk 5:36). Id-dixxipli li beżgħu meta raw lil Ġesù miexi fuq il-baħar għax stħajluh li kien xi fantażma, Ġesù qalilhom: "La Tibżgħux!" (Mk 6:50). Dak li hu interessanti hu li l-verb "beżgħu" huwa l-aħħar verb li bih jagħlaq San Mark, tal-inqas fl-edizzjoni qasira tiegħu, meta f'Mk 16:8 naqraw li n-nisa li marru ħdejn il-qabar telqu "u ma qalu xejn lil ħadd,

*għax beżgħu*, bil-Grieg: *ephobounto gar*.

## Konklużjoni

Sa mill-ewwel vers tal-Evanġelju li ħallielna, San Mark juri interess partikulari f'Ġesù u jibqa' jaffronta lill-qarrejja tiegħu bil-mistoqsija ewlenija li tiddomina din in-narrativa: min hu Ġesù?[29] It-tweġiba għal din il-mistoqsija li tixbah lil dik li nsibu f'4:41 - "Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?" għandha żewġ dimensjonijiet. L-ewwel, il-parallel ma' Ġona li joħroġ tajjeb f'dan l-episodju jikkonferma li Ġesù hu tassew aqwa minn Ġona, għaliex minflok ma talab lil Alla, Ġesù jindirizza direttament lir-riħ u lill-baħar (ara Mt 12:41; Lq 11:32). It-tieni, Ġesù wettaq dak li fit-Testment il-Qadim Alla biss seta' jagħmel, jiġifieri li jegħleb il-qawwiet tal-ħażen kaotiċi kif jindikaw numru ta' testi mit-Testment il-Qadim.[30] L-episodju tat-tempesta fuq il-baħar li nsibuh f'Mk 4:35-41, mela, b'xi mod għandu l-għan li jgħinna nifhmu aħjar l-implikazzjonijiet tal-mistoqsija dwar l-identità ta' Ġesù, u allura jservi bħala għajnuna sabiex nippruvaw nagħtu tweġiba għal din l-istess mistoqsija. Għall-qarrej tal-Evanġelju, it-tweġiba għall-mistoqsija tad-dixxipli hija ovvja: huwa l-Mulej Alla li għamel il-baħar, u huwa Alla biss li jista' jikkontrollah. L-awtorità li biha Ġesù kien qed jaġixxi, bħal fil-każ ta' Mk 2:1-12, hija dik ta' Alla nnifsu.

## Referenzi

1 Fuq it-teoloġija tal-Evanġelju ta' San Mark ara, W.R. Telford, *The Theology of the Gospel of Mark: New Testament Theology* (Cambridge: Cambridge University Press, 1999).

2 Għal studju tajjeb fuq il-Kristoloġija ta' San Mark ara, Elizabeth Struthers Malbon, *Mark Jesus: Characterization as Narrative Christology* (Waco, Texas: Baylor University Press, 2009).

3 Din is-silta nsibuha rrakkuntata wkoll fl-Evanġelju skont San Mattew (ara Mt 8:23-27) u f'San Luqa (ara Lq 8:22-25).

4 John R. Donahue - Daniel J. Harrington, *The Gospel of Mark*, Sacra Pagina 2 (Collegeville, Minnesota: The Liturgical Press, 2002), 160 jinnota li l-akbar konċentrazzjoni ta' mirakli nsibuhom proprju minn din is-silta 'il quddiem (Mk 4:35) sa Mk 8:27 meta Ġesù jasal f'Ċesarija ta' Filippu. B'dan il-mod, din it-taqsima sservi biex teoloġikament timmanifesta lil Ġesù bħala dak li jwassal il-qawwa ta' Alla fuq it-tbatija umana. Ħafna Kummentarji jżommu li San Mark hawnhekk kien qed jagħmel użu ta' kollezzjoni ta' mirakli li sab miġburin bħal f'kollezzjoni. Fuq dan il-punt ara d-diskussjoni u l-biografija li jagħti J.P. Meier, *A Marginal Jew: Rethinking the Historical Jesus* (New York: Doubleday, 1994), 2: 924-925; 1003-1004.

5 Michael Mullins, *The Gospel of Mark* (Dublin: Columba Press, 2005), 148 jispjega tajjeb il-kronoloġija tal-jiem fl-ewwel kapitli ta' San Mark u dak li Ġesù wettaq f'dawn il-jiem, inkluż f'dan l-episodju.

6 Dan il-vjaġġ jintemm f'Mk 5:1 fejn naqraw: "Waslu x-xatt l-ieħor tal-baħar ..." Din mhijiex l-unika referenza li jagħtina San Mark għal Ġesù u d-dixxipli li jaqsmu għan-naħa l-oħra tax-xatt. Hemm żewġ referenzi oħra f'dan l-Evanġelju għal dan l-ispustament min-naħa għall-oħra tax-xatt (ara Mk 6:45-52; 8:14-21). San Mark jidher li kellu interess partikulari f'dan id-dettal. Dan jidher mill-fatt li San Mattew jagħtina biss tnejn minn dawn l-episodji (ara Mt 8:18-27; 14:22-33), filwaqt li San Luqa jagħtina waħda biss (ara Lq 8:22-25). Fuq l-iskema tal-episodji li fihom insibu referenza għal Ġesù u d-dixxipli li jaqsmu għan-naħa l-oħra tal-baħar f'San Mark ara l-istudju ta' W. Kelber, *Mark's Story of Jesus* (Philadelphia: Fortress, 1979), 30-33.

7 Għal aktar informazzjoni fuq dan it-territorju pagan u l-importanza ta' din il-mossa ta' Ġesù ara l-kumment ta' Ben Witerington III, *The Gospel of Mark: A Socio-Rhetorical Commentary* (Grand Rapids, Michigan: Eerdmans, 2001), 173-174.

8 It-tip ta' dgħajsa li tissemma hawn nistgħu nimmaġinawha minn skoperta arkeoloġika tad-dgħajsa magħrufa bħala "Kinnerat" li nstabet fl-1986 u minn możajk ta' dgħajsa li nstab f'Magdala-Taricheae. Din it-tip ta' dgħajsa kienet tkun twila madwar 26 pied u wiesgħa madwar 8 pidi, u tesa' madwar tnax jew ħmistax-il persuna. Fuq dan ara John J. Rousseau - Rami Arav, *Jesus and His World* (Minneapolis: Fortress, 1995), 25-30. Tajjeb ninnutaw li t-tema tad-dgħajsa tgħaqqad dan l-episodju flimkien. Mhux biss, imma d-dgħajsa b'xi mod issir iċ-ċentru tal-istorja: tgħid id-dgħajsa se tegħreq jew le? Fuq dan l-argument ara, Francis J. Moloney, *The Gospel of Mark: A Commentary* (Peabody: Massachusetts: Hendrickson, 2002), 98. Mhuwiex ċar għaliex l-Evanġelista hawnhekk jagħmel referenza għal dgħajjes oħra minħabba li dawn ma għandhom l-ebda sehem fil-kumplament tal-istorja. Tajjeb ninnutaw li l-edizzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija*, hawnhekk tħalli għal kollox barra l-espressjoni bil-Grieg: *met' autou* tradotta bil-Malti "li kienu miegħu." Din hija l-istess frażi lis-soltu l-Evanġelisti jużaw biex jesprimu min huma d-dixxipli. Pereżempju, din l-espressjoni nsibuha f'Mk 3:14 u terġa' tidher fl-episodju tal-indimunjat f'Ġerasa f'5:18 meta dan "beda jitolbu ħafna biex iħallih *jibqa' miegħu.*"

9 Bas van Iersel, *Marco, La lettura e la risposta: un commento* (Brescia: Queriniana, 2000), 178 jinnota li f'dan l-episodju l-isem ta' Ġesù b'mod espliċitu ma jissemma qatt. Mhux hawn biss imma wkoll fl-episodji li nsibu qabel dan ir-rakkkont fejn huwa hu li jieħu l-inzjattiva biex ikompli l-vjaġġ li jibda f'Mk 1:38.

10 Fuq il-mod għal għarrieda li bih il-baħar tal-Galilija jitqalleb minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu ara G. Dalman, *Sites and Ways: Studies in the Topography of the Gospels* (London: SPCK, 1935), 182-183. Ara wkoll W. L. Lane, *Commentary on the Gospel of Mark. The New International Commentary on the New Testament* (Grand Rapids: Eerdmans, 1974), 175.

11 L-imħadda li fuqha Ġesù kien rieqed, huwa dettal li jagħtih biss San Mark u aktarx li jirreferi għal speċi ta' *cushion* li kien ikun hemm fil-poppa biex fuqha joqgħod dak li jkollu t-tmun f'idejh.

12 Ara wkoll Ġob 11:18-19.

13 Ara, per eżempju, R.M. Grant, *Miracle and Natural Law in Graeco-Roman and Early Christian Thought* (Amsterdam: North Holland, 1952), 169. Ara wkoll Francis J. Moloney, *The Gospel of Mark: A Commentary* (Peabody, Massachusetts: Hendrickson, 2002), 99 n.141; B.M.F. van Iersel – A.J.M. Linmans, "The Storm on the Lake: Mk IV 35-41 and Mt VIII 18-27 in the Light of Form Criticism, 'Redaktionsgeschichte' and Structural Analysis," ed T. Baarda, *Miscellanea Neotestamentica II,* NovTSup 48 (Leiden: Brill, 1978), 17-48.

14 Ara Benoit Standaert, *Marco: Vangelo di una note vangelo per la vita, Commentario* (Bologna: Edizione Dehoniane, 2012), 282.

15 Dawn il-kelmiet ifakkruna f'testi oħra tat-Testment il-Qadim li fihom Israel ippersegwitat u fit-tfittxija għal għajnuna quddiem sitwazzjoni li fiha l-qerda tiegħu kienet tidher li waslet tassew, jgħajjat lil Alla – speċjalment f'Salm 44:24-27; 59:6 - bl-istess mistoqsija li d-dixxipli jagħmlu lil Ġesù f'dan l-episodju. Fuq il-fatt li

l-Mulej Alla donnu 'jqum' ara Salm 78:65.

16 Mistoqsija simili b'ton pjuttost ta' rabja nsibuha fuq fomm Marta fl-Evanġelju skont San Luqa, meta Marta ddiżappuntanta bl-atteġjament ta' Ġesù tgħidlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kolli fuqi biss?" (Lq 10:40). Klemens Stock, *Marco, Commento contestuale al secondo Vangelo* (Roma: AdP 2010), 86 jagħmel referenza għall-indemonjat f'Kafarnahum li għajjat: "Ġejt biex teqridna?" (Mk 1:24) u jgħid lid-dixxipli hawnhekk qed jużaw l-istess kelma għaliex bl-istedina li Ġesù kien jagħmel lid-dixxipli sabiex jaqsmu għan-naħa l-oħra tax-xatt, fil-fatt kien wassalhom għal dan it-telfien jew nawfraġju. Xi wħud iżommu li din ix-xena hija rappreżentazzjoni tal-maltempati tal-persekuzzjoni li kienet għaddejja minnha l-Knisja li għaliha kiteb San Mark, u allura għat-talba tal-Knisja għall-Mulej li kien qed jidher donnu 'indifferenti' f'dan il-bżonn. Għalkemm din l-interpretazzjoni tmur lura għal Tertulljanu, m'hemm l-ebda indikazzjoni fin-narrativa li San Mark ried li nifhmu din il-ġrajja b'dan il-mod. Fuq dan ara, Morna D. Hooker, *The Gospel According to Mark,* Black's New Testament Commentaries (London: B & C Black, 1991), 138. Ara wkoll, C.E.B. Cranfield, *St Mark* (Cambridge: Cambridge University Press, 1963), 175.

17 Fuq dan il-punt ara l-kummenti sbieħ ta' Klemens Stock, *Marco: Commento contestuale al secondo Vangelo* (Roma: Edizioni AdP, 2010), 86-87.

18 Ara Mk 9:38; 10:35; 13:1.

19 Ara J. Painter, *Mark's Gospel: Worlds in Conflict.* New Testament Readings (London: Routledge, 1997), 87.

20 Ben Witerington III, *The Gospel of Mark: A Socio-Rhetorical Commentary* (Grand Rapids, Michagan: Eerdmans, 2001),176 jiġbed l-attenzjoni li l-azzjoni ta' Ġesù li jsikket ir-riħ u l-mewġ qalil tal-baħar mhux biss isservi biex biha San Mark jippreżentalna stampa tad-divinità ta' Ġesù, imma sservi wkoll ta' kuntrast ma' dak li naqraw f'2 Makk 9:8 fejn Antijoku jipprova jsikket il-baħar biex juri l-qawwa divina tiegħu. Skont Ġob 26:11-12; Salm 104:6-7; Isa 51:9-10, li ssikket il-baħar hija xi ħaġa li jista' jagħmilha Alla biss. Fil-Letteratura Griega-Rumana nsibu bosta referenzi għal allat jew imperaturi Rumani li kellhom seta' fuq il-qilla tal-baħar. Numru ta' studji jsostnu li din il-ħaġa setgħet għenet lill-qarrejja oriġinali ta' dan l-Evanġelju sabiex jifhmu aktar il-qawwa ta' din l-istorja. Ara per eżempju, A.Y. Collins, "Mark and His Readers: The Son of God among Greeks and Romans," *Harvard Theological Review* 93 (2000): 85-100.

21 Fuq l-użu tal-verb *epetimesen* [sikket] fl-Evanġelju ta' San Mark, ara l-artiklu ta' H.C. Kee, "The Terminology in Mark's Exorcism Stories," *New Testament Studies* 14 (1968): 232-246.

22 Benoit Standaert, *Marco: Vangelo di una notte vangelo per la vita, Commentario* (Bologna: Edizione Dehoniane, 2012), 274 jagħmel referenza għax-xogħlijiet ta' Lagrange u P. Wendling li fihom jinnutaw bosta korrispondenzi letterarji bejn l-eżorċiżmu fis-sinagoga ta' Kafarnahum u t-tempesta fuq il-baħar.

23 Kemm San Mattew kif ukoll San Luqa meta jiġu biex jagħtuna l-edizzjoni tagħhom ta' din il-ġrajja, jippruvaw inaqqsu t-ton aħrax ta' Ġesù lid-dixxipli f'dawn il-mistoqsijiet li jagħmlilhom. Minflok "Dal-biża' kollu għaliex? Mela ma għandkomx fidi?" kif naqraw f'Mk 4:40, San Mattew jikteb: "Dan il-biża' kollu għalfejn, ja nies ta' fidi ċkejkna?" (Mt 8:26), filwaqt li San Luqa jikteb: "Fejn hi l-fidi tagħkom?" (Lq 8:25).

24 Dan f'kuntrast mad-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista, li meta semgħu li Erodi kien qatalgħu rasu, marru, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh (ara Mk 6:29). Fuq

it-trattament tad-dixxipli f'San Mark teżisti lettaratura varja u vasta. Ara per eżempju, l-istudju ta' Ernest Best, *Following Jesus, Discipleship in the Gospel of Mark, Journal for the Study of the New Testament, Supplement Series 4* (Sheffield: JSOT 1981).

25 Għal studju fuq il-fidi kbira ta' dawn il-personaġġi li jissemmew darba biss u li jissejħu 'personaġġI minuri' f'kuntrast mad-dixxipli, ara per eżempju Gianattilio Bonifacio, *Personaggi Minori e Discepoli in Marco 4-8: la funzione degli episodi dei personaggi minori nell'interpretazione con la storia dei protagonist* (Roma: Pontificio Istituto Biblico, 2008).

26 L-espressjoni "qabadhom *biża' kbir*" bil-Grieg: *phobethesan phobon,* hija l-istess espressjoni li nsibu f'Ġona 1:10 (LXX) użata sabiex tiddeskrivi ir-reazzjoni ta' dawk li kien hemm fuq il-ġifen ma' Ġona u għall-mod kif Ġona jagħmel referenza għal Alla. Espressjoni simili nsibuha wkoll f'Ġona 1:16 li tintuża sabiex tiddeskrivi it-tweġiba ta' kif il-baħar jikkalma wara li kienu tefgħu lil Ġona minn fuq id-dgħajsa, tweġiba li twassal sabiex dawn joffru sagrifiċċju u talb.

27 Ara, R. H. Gundry, *Mark. A Commentary on His Apology for the Cross* (Michigan: Grand Rapids, 1993), 241 R.H. Stein, *Mark.* Baker Exegetical Commentary on the New Testament (Michigan: Grand Rapids, 2008), 244-245; V. Taylor, *The Gospel According to St Mark* (London: Macmillan, 1966), 277.

28 Ara, per eżempju, G. Cirignano - F. Montuschi, *Marco un Vangelo di Paura e di Gioia.* Esegesi e psicologia di sentimenti contrapposti, CSB 37 (Bologna, 2000), 20; E. K. Broadhead, *Teaching with Authority.* Miracles and Christology in the Gospel of Mark. Journal for the Study of the New Testament Series 74 (Sheffield: JSOT Press,1992), 93-97; Paolo Mascilongo, *"Ma voi, chi dite che io sia?" Analisi narrative dell'identità di Gesù e del cammino dei discepoli nel Vangelo second Marco, alla luce della 'Confessione di Pietro' (Mc 8,27-30),* Analecta Biblica 192 (Roma: Gregorian & Biblical Press, 2011), 226-228.

29 Din hija l-mistoqsija li Ġesù nnifsu jagħmel lid-dixxipli fin-nofs tan-narrativa ta' dan l-Evanġelju, mistoqsija li jwieġeb għaliha Pietru meta jgħidlu: "Inti l-Messija" (Mk 8:29).

30 Ara, per eżempju, Ġen 8:1; Salm 74:13-14; 104:4-9; 107:25-30.



# IT-"TERRA SANCTA MUSEUM" FIL-KUNVENT TAL-FLAĠELLAZZJONI

**_Greg Friedman ofm_**

*The Holy Land Review*, Vol. 9, No. 4 (Autumn 2016), 24-29.

Xi ftit aktar minn sena ilu, jiena attendejt ċerimonja tat-tberik tal-"ewwel ġebla" taż-żona li l-Kustodja Franġiskana għażlet biex fiha toħloq preżentazzjoni multimedjali fuq il-*Via Dolorosa* (It-Triq tas-Salib). Dan il-proġett għandu l-iskop li jkun l-ewwel wieħed f'sensiela ta' spazji ġodda jew rinovati ta' mużewijiet taħt l-isem ta' *Terra Sancta Museum*.

Il-patrijiet, mistednin u membri tat-tim li għen fil-ħidma ta' dan il-proġett inġabru fis-sala maġenb il-kunvent tal-Flaġellazzjoni fil-Belt il-Qadima ta' Ġerusalemm. Din hi s-sede tal-Kustodja għaċ-ċentru ta' studji bibliċi u arkeoloġiċi, l-i*Studium Biblicum Franciscanum*. Fl-istess żona hemm żewġ kappelli, waħda li tfakkar il-flaġellazzjoni ta' Ġesù, u l-oħra l-kundanna ta' Ġesù u l-post li fih refa' s-salib. Viċin tibda l-*Via Dolorosa,* it-Triq tas-Salib tradizzjonali, kull nhar ta' Ġimgħa, immexxija mill-Franġiskani. Dan l-ispazju hu magħruf bħala *Lapidarium*, u jinkludi xi fdalijiet ta' ħitan Rumani ta' żmien Ġesù.

Aktar tard dakinhar, il-Franġiskan Patri Eugenio Alliata, arkeologu magħruf tal-Kustodja u konsulent ewlieni tal-proġett, spjegali t-tifsira storika ta' dan il-post: "Hawnhekk jinsabu l-fdalijiet minn żmien Ġesù, mill-epoka Erodjana, u oħrajn mill-belt Rumana, *Aelia Capitolina*, minn żmien l-Imperatur Adrijanu. Skont it-tradizzjoni, dan il-post hu wkoll il-post tal-*praetorium* fejn Ponzju Pilatu kien joqgħod meta kkundannaw lil Ġesù għall-mewt. Għaldaqstant, dak kollu li jinsab f'dan il-post jitqies importanti mil-lat reliġjuż, u l-Franġiskani ħadu kura b'għożża ta' dawn il-fdalijiet sa minn meta sabuhom. Sal-lum nistgħu naraw li l-fdalijiet għadhom fi stat tajjeb, u aħna għandna l-ħsieb li nuru lil kulħadd dak li l-antenati tagħna ppreservaw għalina."

Malli l-folla ta' patrijiet u mistednin inġabret għaċ-ċerimonja, jiena tlajt fuq żewġ ġebliet kbar li kienu jinsabu fuq in-naħa tal-lemin ta' dik is-sala li kellha ħitan b'ġebel kbir. Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, li kien għadu Patri Pierbattista Pizzaballa (illum Arċisqof Titulari ta' Verbe u Amministratur Apostoliku tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm), bierek ġebla ta' tifkira li kien fiha dokumenti li jimmarkaw dan l-avveniment, u mbagħad din il-ġebla tkaħħlet fil-paviment tas-sala. Jiena nżilt bit-trab fuq it-tonka u b'kurżità biex nara kif dan il-post se jiġi utilizzat.

## Esperjenza ta' ħsejjes, dwal u immaġini

F'April ta' din is-sena sibt tweġiba għall-mistoqsijiet tiegħi. Ġejt milqugħ f'dan l-istess post, li issa kien radikalment trasformat. Il-gwida tiegħi kienet Manuela Pegoraro, li kienet ikkordinat il-grupp ta' storiċi, arkeoloġi, esperti awdjoviżwali u disenjaturi għall-proġett f'isem l-*Associazione Pro Terra Sancta* (ATS) – organizzazzjoni mhux governattiva mwaqqfa mill-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa biex tagħti sosten lil diversi proġetti, l-aktar favur il-foqra fl-Art Imqaddsa.

L-ispazju kien ġie trasformat f'żona ta' esibizzjoni kbira biżżejjed biex tilqa' folla mdaqqsa ta' viżitaturi. Jiena ngħaqadt ma' grupp ta' viżitaturi Franċiżi, u hekk kif id-dwal tnaqqsu nstemgħet vuċi rrekordjata: "Jiena Ġerusalemm… "

Bl-użu ta' ħsejjes, dwal u immaġni, din il-preżentazzjoni multimedjali ġiet projettata fuq il-ħajt tal-lemin tas-sala, u bdiet bil-paviment storiku deskritt minn Patri Eugenio Alliata, li hu d-direttur tal-Mużew Arkeoloġiku. Aħna ġejna mistiedna nimmaġinaw il-post li fih Ġesù waqaf meta ġie kkundannat għall-mewt, u fejn, anqas minn seklu wara, fuq ir-rovini ta' Ġerusalemm, l-Imperatur Adrijanu bena belt li semmiha għalih innifsu, belt kompluta b'tempju lil Ġove mibni fuq is-sit tal-kurċifissjoni ta' Ġesù.

Fiċ-ċentru tas-sala, permezz ta' immaġini projettati, ħsejjes u rakkonti, ġiet ippreżentata l-istorja tal-Belt il-Qadima, kif ukoll kif id-devozzjoni tradizzjonali tal-*Via Dolorosa* żviluppat matul iż-żmien.

Fl-aħħar nett, fuq il-lemin estrem, wieħed jista' jara xbihat ta' dawl li jimxu matul il-ħajt, li jfakkruk fil-passi tal-pellegrini matul is-sekli. Xi ilħna jidwu t-tifkiriet



tal-pellegrina Egeria fir-raba' seklu, ta' San Franġisk t'Assisi, u ta' oħrajn, u jistednuk biex toħroġ u tibda miexi fit-Triq tas-Salib kif għamlu huma.

## Preparazzjoni għall-*Via Dolorosa*

Manuela Pegoraro qaltli: "Il-Franġiskani jarawha bħala strument biex jispjegaw kif żviluppat il-*Via Dolorosa* li l-pellegrini jimxu meta jiġu hawn fl-Art Imqaddsa. Aħna ridna nagħtuhom għodda sempliċi u moderna biex jifhmu fejn jinsabu, l-importanza ta' dan is-sit, u fejn se jmorru jimxu."

Hi fehmet is-sens storiku ta' dan l-ispazju multimedjali. "Meta, ftit sekli wara l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, il-pellegrini bdew jiġu hawnhekk, huma kienu jimxu fuq il-*Via Dolorosa*, mill-post li fih Ġesù ġie kkundannat fil-Fortizza Antonia.

Il-Fortizza Antonia ma għadhiex teżisti, u l-arkeoloġi mhumiex ċerti għal kollox fejn kienet eżattament. Imma l-Kunvent tal-Flaġellazzjoni jidher li hu mibni qrib tal-aktar post probabbli. L-arkeoloġi tal-Flaġellazzjoni kixfu partijiet li sa issa ma kinux jidhru ta' dak li ħafna jaħsbu li kien il-*Lithostrotos*, il-post fejn Pilatu għamel ġudizzju fuq Ġesù. Qabel il-viżitaturi li kienu jmorru jżuru l-Kunvent tal-*Ecce Homo* tas-Sorijiet ta' Sijon, bieb ma' bieb mal-Flaġellazzjoni, setgħu jaraw li hemmhekk jinsabu ġebel Erodjan.

Pegoraro spjegatli: "Il-frammenti li naraw f'dan l-ambjent multimedjali nkixfu eżattament fl-istess żona. Fihom skrizzjonijiet Rumani minn żmien Adrijanu imma wkoll frammenti mill-perjodu Erodjan, u hekk imorru lura għal qabel żmien Ġesù."

## L-isfida li ngħaqqdu l-passat mal-preżent

Pegoraro qaltli li ma kinetx ħaġa faċli li wieħed jgħaqqad il-ġebel tal-qedem mat-teknoloġija tal-lum. "Naħseb li kienet sfida kbira, imma aħna nħossuna xxurtjati, għaliex kellna grupp multikulturali li kellu kompetenzi differenti. Bdejna mill-għejun arkeoloġiċi li pprovdielna Patri Eugenio Alliata."

Biex tinkorpora l-fundament ta' studju tal-proġett mal-kapaċità esperta meħtieġa biex tiġbed l-attenzjoni tal-pellegrini, l-ATS għażlet ditta Ġermaniża li għandha esperjenza li toħloq rappreżentazzjonijiet multimedjali għall-mużewijiet. "Huma ġabu magħhom il-parti artisitika u għenuna biex noħolqu xi ħaġa aktar sempliċi, aktar emotiva u narrativa.

"Aħna ridna xi ħaġa li l-pellegrini jistgħu jżuruha qabel ma jibdew mexjin tul il-*Via Dolorosa* – tip ta' introduzzjoni – u naħseb li rnexxielna noħolqu xi ħaġa li tixraq lil bosta tipi ta' udjenzi. Hekk min hu espert dwar Ġerusalemm, dwar l-arkeoloġija u l-istorja ta' Ġerusalemm, isib diversi affarijiet interessanti. Min jiġi hawnhekk għall-ewwel darba jkollu mappa biex jifhem fejn qiegħed meta jimxi tul il-*Via Dolorosa*.

"Aħna nifhmu li l-udjenzi żgħażagħ iħobbu l-animazzjoni u l-multimedja u s-"soundtrack", għaliex tixbah xi ftit il-film, imma fil-fatt hi film *li jdaħħlek fit-trama tiegħu*, u huma jħobbu dan kollu. Il-pellegrini reliġjużi jħobbu l-aħħar parti, għaliex fiha nużaw projezzjonijiet ta' dawl biex nirrappreżentaw il-pellegrini tal-passat, u hekk iħossu li huma qrib tagħhom."

L-esperjenza multimedjali fetħet f'Marzu li għadda. "Għamilna ftuħ privat, għaliex ridna nittestjaw u nifhmu r-reazzjoni tal-viżitaturi. Minn dak iż-żmien ftaħna din ir-rappreżentazzjoni bi tmien lingwi, u ridna naraw jekk il-lingwi kollha kinux effettivi, jekk l-awdjo jaħdimx tajjeb, u jekk is-"soundtrack" ma jitfix ir-rakkont. U hekk matul l-ewwel xahar għamilna xi tibdiliet żgħar. Sadanittant ikkuntattjajna diversi gwidi tat-turisti fl-Art Imqaddsa biex nuruhom x'inhi din ir-rappreżentazzjoni multimedjali u għaliex naħsbu li hi importanti għall-pellegrini li jidħlu jarawha."

## Proġetti futuri għat-Terra Sancta Museum

Wieħed mis-sigrieti l-aktar għeżież tal-istorja Franġiskana fl-Art





Imqaddsa hu x-xogħol li wettqu l-patrijiet matul is-sekli li fihom huma ħadu ħsieb tas-santwarji. Bir-realizzazzjoni ta' din l-esperjenza multimedjali, l-ATS issa tħares 'il quddiem lejn il-fażi li jmiss tal-proġett tat-Terra Sancta Museum – ir-rinnovament tal-Mużew Arkeoloġiku tal-Kunvent tal-Flaġellazzjoni.

Skont Manuela Pegoraro, dan kien fil-fatt l-ewwel mużew arkeoloġiku fl-Art Imqaddsa, li fetaħ fil-bidu tas-seklu 20 għal studjużi tal-i*Studium Biblicum Franciscanum*. Hawnhekk huma kienu kapaċi jesibixxu r-riżultati tal-iskavi tagħhom u l-kollezzjonijiet li ngabru mill-patrijiet matul is-sekli.

Il-pjan hu dak "li nġeddu b'mod radikali l-mużew u nirranġaw il-kollezzjonijiet biex jidhru bħala pellegrinaġġ arkeoloġiku matul iż-żoni u żminijiet differenti tal-esperjenza ta' Ġesù. Il-persuni li jafu l-Evanġelju mhux dejjem ikollhom relazzjoni faċli mal-frammenti arkeoloġiċi. U aħna ma rridux li dan ikun biss mużew għall-esperti. Aħna rridu li dan ikun mużew għall-pellegrini." Parti mill-ħidma strutturali l-aktar iebsa diġà bdiet, u l-ATS qegħda tkompli biex issib fondi għal dan il-proġett.

Pegoraro żiedet: "Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa hi l-ewwel ħaġa li persuna Kattolika jeħtieġ li tagħmel biex tgħin lill-Insara tal-Art Imqaddsa, anke qabel ma tiskopri s-sbuħija tal-Postijiet Qaddisa."

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID L-ART IMQADDSA 2017




## ABBONAMENT:

**€10 fis-sena**

**€15 jew aktar Sostenitur**

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2017

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2017

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

## Art Imqaddsa

10 - 18 Mejju
13 - 21 Lulju
17 - 25 Awwissu
10 - 18 Settembru

## Art Imqaddsa *Extra*

6 - 16 Novembru

## Assisi

28 Awwissu - 2 Settembru

